# IL-ĦAJJA f'Għawdex

Nru. 840 Ġunju/Lulju 2002









## L-Ewwel Fiera Kummerċjali Għawdxija

# ZEBBUXA

isem
marbut mat-tradizzjoni
u l-progress ta' l-Għawdxin



**Aktar minn 150 sena ta' esperjenza u servizz kummercjali, bl-aqwa**

# SUPERMARKET

Ejja żurna fi Triq Sant'Antnin, Mgarr
għal prodotti ġenwini bl-irħas prezzijiet
Tel. 551555 jew 556065

# f'din il-ħarġa

Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'ġara dan l-aħħar • 6
Għawdex 300 sena ilu –
L-Ispejjeż tat-Transport bejn Malta u Għawdex • 9
Id-Dinja ta' Ċikku l-Għawdxi • 10
L-Intervista -
Il-Kummerċ f'Għawdex • 12
Pastorali Djoċesana maż-Żgħażagħ
Għawdxin fir-Randan u l-Għid 2002 • 18
Kif tħares l-Knisja lejn l-Internet? • 20
Mill-Knisja fid-Dinja • 23
Tifsir fuq it-tagħlim
tat-Twemmin Nisrani (9) • 24
Ġorġ Pisani • 26
Drawwiet Missirijietna –
Il-Biedja f'Għawdex (7) • 30
Wirt Għżiritna –
Il-Mużew tal-Istorja Naturali (8) • 34
Madre Margerita De Brincat (6) • 36
Int u saħħtek • 38
Għawdex Sportiv • 40
Kurżitajiet minn madwar id-dinja • 42

**IL-ĦAJJA f'Għawdex**

**Imwaqqfa Ġunju 1945**
**Ħarġa nru. 840**

**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 111**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**
***e-mail:* lumenchristi@vol.net.mt**
***homepage:***
**www.gozodirect.com/lumenchristi**

**Abbonament: Lm3 Sostenitur: Lm 5**

**Issettjata: *Lumen Christi Media Centre***
**Stampata: *"Gozo Press" Tel.21551534***

*Din il-ħarġa ngħalqet għall-istampa fil-15 ta' Ġunju 2002*
*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*

**Ritratt tal-Qoxra:**
***L-Ewwel Fiera Kummerċjali f'Għawdex***

# EDITORJAL

## Żewġ Kwadri



L-aktar ħaġa li timpressjonani meta nhar ta' Ħadd filgħaxija nżur is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu hija l-għadd sabiħ ta' koppji u familji li jinvistaw is-Santwarju. Mhux biss għax tarahom jitolbu, imma aktar u aktar għax il-familja, ġenituri u ulied, tkun miġbura flimkien. Wara li jżuru l-Madonna imorru x'imkien għall-mistrieħ u naturalment jieħdu xi ħaġa tajba ukoll, jew imorru xi drabi jagħmlu żjara lill-familjari tagħhom. Għandna għax nroddu ħajr 'l Alla meta naraw familji miġbura u jaqsmu flimkien il-ħin tat-talb u tal-mistrieħ. L-aħjar garanzija għal familji tajbin llum u fil-ġejjieni.

Wara li mmur Ta' Pinu ġie li ngħaddi minn ħdejn każin. Hawn xort'oħra. Numru ta' rġiel u ġuvintur ikunu jilgħabu u jitkellmu kif ġie ġie. Jiddiskutu fuq il-futbol, sajd, kaċċa u b'leħen għoli jsemmgħu kliem vulgari li ma jixraqx lil bniedem edukat. Fuq il-mejda tal-logħob tara karti tal-flus. Fejn hi marthom dawn l-irġiel? Fejn huma uliedhom żgħar? Dawn forsi bagħtuhom ma' tal-Museum. Marthom tinsab ma' ħbiebha, tilgħab it-tombla, tippassiġġa mal-ħbieb biex tkun taf x'inhu jiġri fir-raħal u flimkien ma' sħabha terfa salib kull min jaqa' fid-diskors. Xi drabi l-mara tinġabar ma' uliedha żgħar fid-dar quddiem it-T.V. tistenna bl-ikbar sabar lil żewġha jinġabar mill-każin kollu daħkan jekk ikun rebaħ, jew bin-nervi jekk ikun tilef parti sew mill-paga tal-ġimgħa.

Dawn huma żewġ kwadri attwali fil-gżira tagħna. Kull dar tista tpoġġi lilha nnifisha f'xi wieħed minnhom u mhux lakemm issib it-triq tan-nofs. Il-Ħadd għaxija jista jservi kemm ta' ġid u kemm ta' deni, ta' ħsara jew ta' ġid. Nafu li t-talb flimkien huwa l-aqwa garanzija għall-familja. Il-ġenituri li jitolbu flimkien, joħorġu flimkien, jieklu flimkien u jaqsmu l-ferħ u n-niket tal-ħajja u flimkien jirnexxielhom inaqqsu ħafna mill-piż tal-ħajja u jkollhom familja kemm għalihom nfushom u kemm għal uliedhom. L-għażla hija dejjem f'idejn il-ġenituri.



# Il-Ħajja fid-Djoċesi

*Seminarista Victor Said*

**Rettur Ġdid għas-Santwarju Ta' Pinu**



Mons Isqof ħatar lill-Kan Michael Galea bħala Rettur ġdid għas-Santwarju ta' Pinu. Dun Mikiel Galea twieled l-Għarb, Għawdex fit-13 t'April 1958. Wara li ħa l-edukazzjoni primarja tiegħu fl-istess raħal hu kompla s-sekondarja fl-iskola tas-Seminarju tal-Qalb ta' Ġesu. Wara l-kors filosofiku u teoloġiku fis-Seminarju Maġġuri huwa ġie ordnat saċerdot mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi fis-19 ta' Ġunju 1982. Fl-istess tliet snin li fihom wettaq ħidma pastorali fil-parroċċa ta' Santa Luċija ġewwa Ruma hu speċjalizza fil-kateketika u fil-pastorali maż-żgħażagħ mill-Università Pontifiċja Sależjana. Wara li ġie minn Ruma barra mix-xogħol li wettaq fil-parroċċa ta' l-Għarb huwa kellu diversi inkarigi fid-Djoċesi fosthom: delegat ta' l-Isqof għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali, promotur tal-vokazzjonijiet saċerdotali, delegat għall-Isqof fil-Pastorali maż-żgħażagħ kif ukoll Direttur Spiritwali tas-Seminarju Minuri.

**Jum il-Premjazzjoni fis-Seminarju Minuri**

Fis-26 ta' April 2002 saret il-Premjazzjoni tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù. Il-programm barra minn qari ta' xi siltiet letterarji u kant u daqq ta' xi bċejjeċ mużikali, kien jinkludi messaġġ mir-Rettur Dun Anton Teuma, diskors mis-surmast Fr. Emanuel Magro u diskors minn Mons Isqof li attenda għal din l-okkażjoni. Fr. Magro ta ħarsa ġenerali lejn il-ħidma li twettqet fl-iskola sekondarja tas-Seminarju u wera x-xewqa li jissaħħu r-relazzjonijiet bejn il-ġenituri u l-għalliema u li ssir ħidma ikbar biex jiġi integrat il-kurrikulu mall-ħajja ta' l-istudenti. Fr. Magro ħabbar il-pubblikazzjoni ġdida tal-fuljett "Leħen is-Seminarju". Ir-Rettur qal li kemm l-iskola u kemm il-familja għandhom ikunu attenti u konxji mid-diffikultajiet l-aktar urġenti ta' żmienna . Mons Isqof filwaqt li enfasizza l-importanza tal-koperazzjoni bejn l-għalliema u l-ġenituri huwa temm jgħid li hija ħaġa negattiva u ta' min jikkundanna l-vjolenza fuq l-għalliema li jiġu aggrediti fil-post tax-xogħol tagħhom.

**Serata organizzata mill-Azzjoni Kattolika fl-okkażjoni tal-Ġublew Saċerdotali ta' Mons Isqof.**

Nhar il-Ħadd, 28 ta' April 2002, fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika saret serata ta' ġieħ fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb Saċerdotali ta' Mons Nikol Ġ. Cauchi li għal ħafna snin kien Assistant Ekkleżjastiku Djoċesan ta' l-Azzjoni Kattolika. Il-programm kien jinkludi indirizz mill-Assistant Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Carmelo Hili, *feature* dwar il-ħajja u l-ħidma ta' Mons Isqof, qari ta' poeżiji, kant, diskors mill-President Djoċesan Manuel Saliba, preżentazzjoni ta' bukkett spiritwali u preżentazzjoni ta' Kurċifiss sabiħ li ġie rregalat lil Mons Isqof f'isem il-membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika. Il-programm kien jinkludi wkoll il-kxif ta' lapida kommemorattiva u messaġġ ta' Mons Isqof. Huwa, filwaqt li rringrazzja lill-membri kollha ta' l-Azzjoni Kattolika għas-serata li organiżżawlu, qal li għalkemm huwa sabiħ li tiċċelebra dawn l-anniversarji, wieħed ma jistax jibqa' marbut mal-passat imma jrid iħares il-quddiem għal li ġej u jipprova jagħmel ħiltu kollha biex iwettaq dak li jrid Alla minnu għall-ġid tal-poplu afdat f'idejh.

**Ix-Xewkija, imfakkra l-Ħamsin Sena mit-tqegħid ta' l-ewwel Ġebla tar-Rotunda.**

Mons Isqof fl-4 ta' Mejju 2002 mexxa konċelebrazzjoni b'tifkira ta' tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-Knisja majestuża tax-Xewkija magħrufa bħala "ir-Rotunda". L-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida kienet tqegħdet mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Ġuseppi Pace, 50 sena ilu.

**Laqgħa lid-Diretturi Spiritwali tal-Leġjun ta' Marija**

Fis-7 ta' Mejju 2002, fil-għaxija , fl-Uffiċċju tal-Leġjun ta' Marija fir-Rabat, Għawdex ġiet organizzata laqgħa għad-Diretturi Spiritwali tal-Leġjun. Il-kelliem prinċipali kien Mons Dun Salv Grima li tkellem dwar ir-rwol tad-Direttur Spiritwali fil-Leġjun u l-isfidi li għandu quddiemu. Mons Isqof fil-ħsieb li għamel saħaq li d-Diretturi Spiritwali għandhom jagħmlu ħilithom kolha biex jgħinu lil-lajċi ħalli dawn jinteressaw iktar ruħhom mill-attivitajiet djoċesani. Huwa qal li jittama li kemm għall-Kungress Liturġiku Djoċesan kif ukoll għar-*Rally* tal-Għaqdiet Kattoliċi l-parteċipazzjoni tal-Leġjunarji tkun waħda sostanzjali. Il-President tal-Leġjun ta' Marija filwaqt li rringrazzja lid-Diretturi Spiritwali tal-ħidma siewja li jwettqu, talabhom jinkuraġixxu saċerdoti oħra biex iwettqu din il-ħidma, għaliex huma diversi l-praesidja li attwalment huma mingħajr Direttur Spiritwali.

**Il-Kungress Liturġiku Djoċesan**

Dan il-Kungress sar mid-9 sat-12 ta' Mejju 2002. Fid-9 ta' Mejju saret taħdita minn Mons Arthur Said Pullicino li tkellem dwar l-aspetti ġuridiku u pastorali tal-liturġija. Mons Isqof għamel it-tieni taħdita nhar l-10 ta' Mejju fil-għaxija bit-tema "l-Ispiritwalità tal-Liturġija". Is-Sibt fil-għodu, dejjem fid-Dar Ċentrali ta' l-Azzjoni Kattolika saret l-aħħar laqgħa li fiha ġew imressqa u approvati xi rizoluzzjonijiet li għandhom jidhru fl-Atti tal-Kurja Djoċesana. Il-Kungress Liturġiku ġie fit-tmiem tiegħu b'konċelebrazzjoni li saret fil-Kattidral nhar it-12 ta' Mejju 2002. Fl-omelija Mons Isqof qal li r-riżoluzzjonijiet li ħarġu mill-Kungress jistgħu jkunu utli ħafna sabiex l-insara jieħdu sehem dejjem iktar attiv fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi b'mod speċjali fil-Quddiesa.

**Rally tal-Għaqdiet Kattoliċi**

Nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Mejju 2002, fid-Dar Ċentrali tal-Azzjoni Kattolika, Victoria sar ir-Rally Djoċesan bis-suġġet " Il-Missjoni tal-Lajċi u l-Formazzjoni tagħhom". Fil-5.00 ta' fil-għaxija kien hemm Quddiesa, imbagħad ir-Rally tkompla b'messaġġ minn Mons Isqof u wara sar




il-forum li kien immexxi mis-Sur Joseph Grima, Segretarju KDAL, mis-Sinjura Miriam Portelli tal-KDŻ, mis-Superjur tal-MUSEUM tax-Xewkija Benny Mercieca, u mill-Kan. Dun Mikiel Galea. Saret id-diskussjoni u ġew imressqa u meħuda xi riżoluzzjonijiet li għandhom jidhru fil-ħarġa ta' l-Atti tal-Kurja.

**L-Ordinazzjoni fil-Kattidral ta' Żewġ Djakni**

Il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju Mons Isqof mexxa konċelebrazzjoni fil-Kattidral ta' Għawdex li fiha ordna żewġ Djakni. Is-seminaristi li ġew ordnati Djakni huma Charles Sultana mill-parroċċa tax-Xagħra u Tonio Galea mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, Victoria. Fl-omelija tiegħu Mons Isqof tkellem fuq is-silta tal-Vanġelu tal-Quddiesa dwar il-paċi. Huwa qal li n-nies għandhom bżonn tal-paċi għax hawn wisq tilwim, hawn wisq nuqqas ta' ftehim. L-ewwel kwalità ta' paċi li l-bniedem għandu bżonn hija dik



tal-qalb. Huwa ħeġġeg lid-Djakni biex ikunu nies tal-paċi, li jaħdmu għal-paċi, li jevitaw it-tilwim u ma jintilfux 'fi kwistjonijiet bla ebda sugu, bla ebda siwi'. "Hemm bżonn li taħdmu għal-paċi għaliex il-paċi għad li hija don ta' Alla hija wkoll frott tal-ħidma tal-bnedmin, hija ukoll frott tal-osservanza ta' dik il-virtù fundamentali li hija il-virtù tal-ġustizzja. Il-frott tal-ġustizzja hija l-paċi."

**Il-konsagrazzjoni ta' l-Artal Ġdid fil-Knisja ta' Sannat**



Mons Isqof fil-25 ta' Mejju, f'konċelebrazzjoni kkonsagra l-Artal Mejda ġdid li sar fil-knisja Arċipretali ta' Sannat, Għawdex. Mons Isqof fl-omelija qal li hija ħaġa tajba li jsir Artal sabiħ, ta' valur estetiku kif ukoll artistiku, biex fuqu jiġi ċċelebrat is-Sagrifiċċju l-Ġdid tar-Rabta l-Ġdida. Però, kompla Mons Isqof, jeħtieġ li l-qlub tagħna jkunu artal li minn fuqu aħna noffru ħajjitna lil Alla. Id-disinn ta' l-Artal Mejda sar mill-Kavallier Paul Camilleri Cauchi, il-modellar fit-tafal u l-ġibs inħadmu minn Alfred Camilleri Cauchi, il-bronż nħadem mid-ditta taljana "Domus Dei" ta' Ruma u x-xogħol fl-irħam sar mid-ditta "Agius Marble Works" ta' l-Imqabba. Għal din l-okkażjoni kienu preżenti l-Ispeaker tal-Kamra, il-Ministru għal Għawdex, id-Deputati Parlamentari u l-Kunsill Lokali ta' Sannat.

**Il-Ġublew tad-Deheb fl-Għarb**

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Mejju Mons Isqof Nikol Cauchi mexxa konċelebrazzjoni fil-Bażilika Kolleġjata ta' l-Għarb biex ifakkar il-Ħamsin sena mill-Ewwel Quddiesa Solenni Tiegħu li kien għamel fl-istess knisja. Fl-omelija Mons Isqof irringrazzja lil dawk kollha li kienu ta' għajnuna fil-mixja tiegħu saċerdotali. Huwa qal "Illum jien nġib quddiem għajnejha dak li ġara ħamsin sena ilu, qisni għadni qed narahom, speċjalment dawk il-persunaġġi, l-Arċipriet il-mejjet Dun Karm Portelli, Mons Mikiel Azzopardi li kien għamilli l-paniġierku, missieri u ommi, z-zijiet fosthom iż-żewġ saċerdoti Dun Vinċenz u Dun Bernard...". Huwa temm billi radd il-ħajr lil dawk kollha li jiftakru ta' kuljum fit-talb tagħhom għalih.






Lelio Spiteri

## Jum iż-Żebbuġ b'diversi attivitajiet



Għar-raba' sena konsekuttiva, il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ ipprepara programm sħiħ ta' attivitajiet biex jitfakkar dan il-jum fit-28 ta' April. Il-Kunsill tella' wirja ta' xogħlijiet tal-arkett tal-Bro. Raymond Mercieca MSSP. Il-Kunsill Lokali organizza tliet kompetizzjonijiet sportivi. Sar ukoll it-tberik ta' l-annimali mill-arċipriet Dun Noel Saliba. Saru wkoll żjarat lill-anzjani tal-lokal. Inżammet laqgħa soċjali għall-membri ta' l-Għaqdiet kollha li jaħdmu ġewwa l-komunità. Il-Ħadd 28 ta' April ġiet ikkonċelebrata quddiesa ta' radd il-ħajr fil-knisja arċipretali taż-Żebbuġ. Iċ-ċelebrazzjonijiet laħqu l-qofol tagħhom b'ċerimonja ta' tifkira fil-pjazza ewlenija tar-raħal. Waqt iċ-ċerimonja ndaqqu siltiet mużikali mill-Banda Santa Marija. Is-Sindku, is-Sur Harry Debono ppreżenta lis-Sur Benjamin Cefai l-premju "Ġieħ Iż-Żebbuġ". Preżenti għaċ-ċerimonja kien hemm ukoll il-Ministru għal Għawdex. Ta' min iżid li delegazzjoni mill-*Comune ta' Maletto* fil-Provinċja ta' Catania kienet iż-Żebbuġ sabiex tara s-similaritajiet li jeżistu bejn iż-żewġ lokalitajiet. Qabel ħallew lil Għawdex, ir-rappreżentanti ta' Maletto iffirmaw ftehim li hemm ġustifikazzjoni biżżejjed biex ikun hemm rabta eqreb ta' ġemellaġġ reċiproku.

## "Iż-Żeffiena" fit-Teatru Astra



Is-Sibt 11 ta' Mejju fuq il-palk tat-Teatru Astra kien ippreżentat id-dramm mużikali bit-titlu msemmi. Dan huwa xogħol oriġinali tal-Kan. Joe Mejlak. Marija Schembri kellha l-parti prinċipali taż-żeffiena. Ix-xenografija kienet ta' Carmelo Zammit u sħabu fosthom Manwel Buhagiar u Anthony Xuereb. Id-dawl kien f'idejn Peter Camilleri, Ivan Galea u Ġorġ Zammit filwaqt li l-kostumi gew ippreparati minn Ġorġ Farrugia, Manuel Grima u Doris Farrugia. Ta sehem ukoll il-grupp folkloristiku Astra. Il-koreografija kienet f'idejn Gorgienne Cachia, Tanya Bayona u Emma Loftus. Id-direzzjoni artistika kienet ta' Manuel Grima.

## Wirja ta' l-Artiġjanat



Il-Ministru għal Għawdex nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju fetħet wirja ta' xogħlijiet maħduma minn dawk li jattendu l-iskola ta' l-Arti f'Għajnsielem "Wistin Camilleri". Fil-wirja, wieħed seta' jifli xogħol ta' filugranu, fuħħar, bizzilla, skultura fl-injam, *stained glass*, pittura u xogħol ta' indurar ta' l-arloġġ Malti u binja mdaqqsa fl-injam tal-Knisja Parrokkjali tan-Nadur. Preżenti għall-ftuħ kien hemm ukoll l-ispeaker Anton Tabone u l-Kap tal-Iskola Joseph Buttiġieġ.

## *Ġemellaġġ ieħor: Għarb-Gerano*



Grupp ta' 59 persuna mill-Għarb kienu għal żjara f'Gerano l-Italja bejn l-24 u d-29 ta' April fejn sar l-iffirmar uffiċjali tal-ġemellaġġ bejn l-Għarb u din il-lokalità. Il-grupp tmexxa mis-sindku David Apap. Minbarra ċ-ċerimonja tal-iffirmar tal-ġemelaġġ, saru wkoll diversi ċerimonji oħra fosthom l-inawgurazzjoni ta' ċentru soċjali li ġie msemmi *Centro Sociale alla Città di Għarb*. Il-grupp żar ukoll postijiet storiċi bħal Ruma, Subiaco u Tivoli. Wara l-iffirmar tal-ġemelaġġ, is-sindku ta' Gerano, Giorgio Fubelli rregala lis-sindku tal-Għarb iċ-ċavetta ta' Gerano bħala simbolu li l-poplu ta' l-Għarb ser ikun dejjem milqugħ tajjeb ġewwa Gerano

## *Suċċess ġewwa Firenze minn Artist Għawdxi*

Matul Marzu ġewwa l-belt artistika ta' Firenze nżamm konkors internazjonali ta' l-arti. F'dan l-avveniment ipparteċipaw madwar ħamsin artist mid-dinja kollha. Is-Sur Anthony Caruana artist Għawdxi, kien l-uniku rappreżentant Malti. Għal dan il-konkors, l-artisti ħtiġilhom jaħdmu żewġ xogħlijiet fl-istess belt. Caruana pinġa il-Ponte Vecchio u l-knisja ta' San Frediano in Castello minn fuq ix-xmara Arno. Dawn imbagħad kienu esebiti għall-pubbliku. Is-Sur Caruana spiċċa fit-tieni post u kien ippreżentat midalja tal-fidda minn idejn is-Sindku tal-belt ta' Firenze, kif ukoll oħra tal-bronż għaliex ix-xogħol tiegħu ssemma' b'tifħir.



## *Ċelebrazzjoni Speċjali b'ġieħ lill-Isqof Cauchi*

Is-Soċjetà Filarmonika Leone flimkien mal-parroċċa tal-Katidral is-Sibt 4 ta' Mejju organizzaw ċelebrazzjonijiet speċjali ad unur l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi, fl-okkażjoni tal-50 anniversarju ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Dawn bdew fil-Katidral b'konċelebrazzjoni solenni mmexxija minn Mons. Isqof innifsu. Il-kant sar mill-Chorus Ecclesiae Cathedralis. Imbagħad sar riċeviment fil-każin tal-Banda Leone. L-isqof ġie milqugħ mill-Banda u wara sar diskors ta' merħba mill-President tas-Soċjetà Leone Dr. Michael Caruana. Fl-aħħar tad-diskors tiegħu, huwa stieden lill-Isqof Cauchi sabiex ibierek in-niċċa ta' Santa Marija li saret fil-*foyer* prinċipali tal-każin. Sar ukoll it-tberik ta' stellarju ġdid tal-fidda biex jitpoġġa fuq l-istatwa ta' Santa Marija kif ukoll tas-sett ta' armi għall-brieret tal-banda. L-Isqof kien preżentat ukoll b'tifkira.

## *Is- "Sette Giugno" f'Għawdex*



Saret ċerimonja tat-tifkira fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali tas-"Sette Giugno". Din kienet ippreseduta mill-President tal-Kamra tar-Rapreżentanti Anton Tabone u organizzata mill-Kumitat Organizzattiv Festi Nazzjonali, Kunsill tal-Kultura, nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju filgħaxija quddiem il-lapida li tfakkar din il-ġrajja fi Triq Bullara x-Xagħra, quddiem id-dar tal-vittma Ġużeppi Bajada.



## *Inawgurazzjoni ta' Sala*

Il-Ħamis 9 ta' Mejju kienet inawgurata sala tal-konferenzi fl-*Arka Respite Centre* ġewwa Għajnsielem. Ms. Patricia A. Morgan, id-direttur eżekuttiv tal-*Baxter International Foundation* kienet preżenti biex tinawgura din is-sala. Aktar kmieni din is-sena, l-*Arka Respite Centre* irċeviet 65,000 dollari Amerikani mill-*Baxter International Foundation* biex jintużaw b'risq dan iċ-ċentru.

## *"Robin Hood" fl-Iskola Primarja tal-Qala*

It-tfal li jattendu l-iskola primarja "President Anton Buttiġieġ" tellgħu dan id-dramm mużikali fis-26 ta' April waqt Jum il-Premjazzjoni. Fih ħadu sehem it-tfal kollha li jattendu l-iskola. Id-dramm seta' jseħħ bil-kooperazzjoni totali tas-Surmast, is-sur Norman Grech, għalliema, ġenituri, Kunsill Skolastiku, Kunsill Lokali u l-Arċipriet tal-Qala Dun

Karm Refalo. It-tfal tas-sitt sena, fit-tieni ġimgħa ta' Ġunju, kellhom l-opportunita' li għal sena oħra jqattgħu ġimgħa fil-gżejjer Eolie, b'mod partikulari f'Salina. Dan seħħ bħala parti mill-ġemelaġġ li l-Kunsill Lokali tal-Qala għandu mat-tliet Comune tal-gżira ta' Salina. It-tfal kienu akkumpanjati mis-sindku Paul Buttigieg, is-Surmast ta' l-Iskola Norman Grech, mill-għalliem tagħhom Lelio Spiteri u minn tliet ommijiet. Is-safra kienet imżewqa b'ħarġiet kulturali, edukattivi u divertenti.





## Il-Gozo Trade Fair

Din infetħet nhar is-7 ta' Ġunju fl-Kumpless Sportiv ta' Victoria mill-Ministru għal Għawdex u mbierka mill-Viġarju Ġenerali Mons. Ġwann Bosco Gauci. Joe Grech, *chairman* tal-Kumitat Organizzattiv tal-Fiera Għawdxija għamel diskors ta' l-okkażjoni. *(Aktar informazzjoni dwar din il-fiera tinsab fl-Intervista, paġni 12 - 16.*

## Jum il-Belt Victoria



Il-Kunsill Lokali tal-belt Victoria ċċelebra il-ġurnata ta' din il-belt, bejn l-4 u l-10 ta' Ġunju. Ġie organizzat *tournament* tal-futbol għall-klabbs tal-futbol *Victoria Hotspurs, SK Victoria Wanderers u l-Oratory Youths*. Il-qofol ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet intlaħaq nhar it-8 ta' Ġunju meta l-Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami inawgura *playing field* fl-inħawi f'taċ-Ċawla. It-tberik sar mill-Viġarju Ġenerali Mons. Giov. B. Gauci. Is-Sindku Paul M. Cassar għamel diskors ta' l-okkażjoni. Sar ukoll diskors mill-Ministru għal Għawdex. Wara kien hemm wirja tal-klieb tal-pulizija. Il-Ħadd filgħodu sar marċ mill-Banda La Stella. Filgħaxija nżamm kunċert li fih ħadu sehem il-*Chorus Urbanus* u l-*Kor Gaulitanus*. Ġiet inawgurata wkoll wirja ta' arti u *krafts* fil-bini ta' l-istess kunsill.

## Delegazzjoni minn Castelvenere fix-Xewkija

Wara li sar il-ftehim ta' ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali tax-Xewkija u dak ta' Castelvenere fi Frar li għadda, delegazzjoni minn dan il-lokal kienet fostna bejn it-18 u l-24 ta' Ġunju għall-iffirmar uffiċjali ta' dan il-ġemellaġġ. Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija organizza diversi attivitajiet biex jiċċelebra dan l-avveniment.

## "Jum l-Omm" ma' l-ommijiet fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex

Il-Ħadd 12 ta' Mejju, il-Ministru għal Għawdex għamlet żjara fis-swali tan-nisa u maternita' fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex fejn iltaqgħet ma' l-ommijiet rikoverati hemmhekk. Filwaqt illi awgurat fejqan ta' malajr lill-pazjenti, hija uriet l-apprezzament tagħha għax-xogħol u sagrifiċċji li jagħmlu mal-morda l-familjari.

## Skambju bejn l-Għarb u l-Pietà



It-Tlieta 14 ta' Mejju, il-Kunsill Lokali ta' l-Għarb ospita grupp ta' 70 anzjan mill-Pieta' Malta. Dan il-grupp ġie bħala skambju wara li grupp ta' anzjani mill-Għarb kien ġie ospitat mill-Kunsill Lokali tal-Pietà f'Novembru 2001. Din hija t-tielet sena konsekuttiva li l-Kunsill Lokali ta' l-Għarb organizza dawn l-iskambji ma' Kunsilli Lokali oħra Maltin. Saret quddiesa ta' radd il-ħajr u *get together* għall-anzjani miż-żewġ lokalitajiet.

Arkivju Nazzjonali Għawdex

## Għawdex 300 sena ilu

**Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 106**

Riċerka ta' Joseph Bezzina ©2002

# *L-ISPEJJEŻ TAT-TRANSPORT BEJN MALTA U GĦAWDEX*

Id-dokument numru mija u sitta li qegħdin nippublikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hu dwar ħlas li sar nhar it-9 ta' April, 1702 – tliet mit sena ilu – lill-mastrudaxxa Tumas Pulis. Jinsab reġistrat fid-disa' volum ta' l-Acta ta' l-Universitas ta' Għawdex, l-enti amministrattiva tal-gżira fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1701–1702), folju 30v-31r (NAG, UG, Acta, 9/1701–1702, f. 30v-31r).

Din li ġejja hi traskrizzjoni ta' parti mid-dokument:

A Mastro Thommaso Pulis mastro d'Ascia scudi otto, tarì cinque, e grani quindici per le cause infrascitte; cioè scudi quattro e tarì sette per undeci giorni di trattenimento in Malta ha fatto detto il Pulis in procuare il legno necessario al nuovo ponte a ragione di tarì cinque il giorno...

Tumas Pulis, mastrudaxxa, mar Malta b'ordni ta' l-Universitas biex jakkwista injam tajjeb għall-impalkatura fil-bini tal-pont – li ġa semmejna – li kien qiegħed jinbena fuq ir-riħ tal-foss taċ-Ċittadella biex jgħaqqad it-Telgħa tal-Belt mat-Telgħa ta' Bieb l-Imdina. Ta' interess huma l-ħlasijiet li saru għaliex jagħtuna ħjiel ta' l-ispiża biex wieħed imur ftit jiem Malta u ta' l-ispejjeż tat-trasport tal-merkanzija minn Malta għal Għawdex.

Peress li se nsemmu l-flus ninnota li skut fih tnax irbiegħi, u irbiegħi fiha għoxrin ħabba. **Skut fih 0.21 Euro; tnax-il skut jiġu 2.50 Euro** jew **lira Maltija.** Dik il-ħabta paga minima ta' sena kienet ta' madwar sittin skut fis-sena.

Biex ifittex l-aħjar injam, Tumas Pulis kellu joqgħod ħdax-il jum f'lukanda l-Belt Valletta fejn ħallas erba skuti u sebgħat irbiegħi, li jfisser li nefaq ħamest irbiegħi kuljum.

Għal ħmistax-il ratal injam nefaq skut, sitt irbiegħi, u ħmistax il-ħabba, li jfisser li xtraħ ħamsa u għoxrin ħabba r-ratal. Nefaq ukoll irbiegħi għal kiri ta' karru u l-ġarr tiegħu sal-maħżen minn fejn sab l-injam; erba' irbiegħi u tmien ħabbiet għall-ħruġ ta' l-injam mill-maħżen ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann; irbigħin u għaxar ħabbiet għal żewġ vjaġġi mill-maħżen sal-borgo jew il-port tal-Belt Valletta; erba' irbiegħi u tmint irbiegħi oħra għal dawk li ħarġu l-injam mill-maħżen; tliet irbiegħi u għaxar ħabbiet lill-burdnara li għabbew l-injam fuq il-brigantin li kellu jġibu Għawdex; erba' irbiegħi għal ġarr ta' xi ħadid mill-maħżen għal għand il-ħaddied, u minn hemm għal fuq il-brigantin.



Barra dan nefaq ukoll żewġ irbiegħi biex kera t-trasport għalih biex seta' jagħmel dan kollu; żewġ irbiegħi lil ħaddiem imqabbad biex jorbot l-injam tajjeb fuq il-brigantin; u tliet irbiegħi għal żewġt irġiel li kienu tqabbdu apposta biex jarmaw l-impalkatura tal-pont f'postha.

B'kollox in-nefqa telgħet għal tmin skuti, ħamest irbiegħi, u ħmistax-il ħabba.

Issa l-injam kien inxtara skut, sitt irbiegħi, u ħmistax il-ħabba, u sakemm twassal fil-foss taċ-Ċittadella fejn kien qiegħed isir ix-xogħol tal-pont jiġi li kien sewa mal-ħames darbiet iktar milli kien oriġinarjament inxtara. Dak li jfisser li tkun toqgħod Għawdex!




## Żvilupp tat-Turiżmu f'Għawdex.

Dan l-aħħar saret laqgħa bejn l-uffiċċjali ta' l-Għaqda tal-Lukandi/Ristoranti ta' Malta (MHRA) u l-Ministru Ġiovanna Debono biex jaraw kif jiġu eliminati xi problemi li qed iżommu lura l-iżvilupp tat-turiżmu f'Għawdex. Din l-istess Għaqda għamlet laqgħat ukoll kemm mal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu ta' Għawdex kif ukoll ma' diversi ndividwi Għawdxin, sidien ta' lukandi u stabbilimenti turistiċi. F'dawn il-laqgħat ġew suġġeriti numru ta' rimedji fosthom kif it-turisti li jżuru Malta jkollhom aktar faċilitajiet u jiġu mħeġġin li jżuru Għawdex. L-importanti hu, li issa dawn is-suġġerimenti ma jibqgħux biss "paroli" imma jiġu mwettqa konkretament. Il-laqgħat mhumiex biżżejjed! Neħtieġu aktar "fatti" bis-serjeta`...

## Ma ngerrxux lit-turisti!

U la qegħdin nitkellmu dwar it-turiżmu f'Għawdex ħalli nżid kelma oħra dwar ħaġa li żgur qed tgerrex lil ħafna turisti li jiġu Għawdex. Il-biċċa l-kbira tat-turisti li jżuru Għawdex b'karozza tal-kiri ma tantx ikunu jafu dwar ir-regolamenti tal-*parking* bl-arloġġ, li jeżisti fir-Rabat. U allura dawn it-turisti faċli li jxellfu dawn ir-regolamenti. Naturalment, l-istess bħal brimba li tkun mistoħbija biex taqbad xi dubbiena, il-*wardens* ikunu pronti joħorġu minn wara xi karozza jew kantuniera u jibbukkjaw *ticket* ta' xi għaxar liri lill-imsejken turist. Jien stess ġie li rajt dawn it-turisti migduma u naf kemm jiddejqu u jgħidu li l-miġja tagħhom f'Għawdex kienet waħda sfortunata. Lit-turist nibżgħu għalih, speċjalment fejn jidħlu r-regolamenti strambi ta' l-ipparkjar fir-Rabat Għawdex. U l-*wardens* aħjar iwissu u jikkorieġu bil-ġentilezza, milli jilgħabuha ta' imħallfin!

## Stazzjon Televiżiv tal-Knisja minn Għawdex?!

Dan l-aħħar qed jissemma li xi Għawdxin ħolmu bl-inizjattiva li jiftħu stazzjon televiżiv.Qed jissemma, għax s'issa m'hemm xejn uffiċċjali, li aktarx ser ikun ta' xeħta reliġjuża. Jien personalment naqbel ħafna ma' l-idea; ma nafx pero' kif jaħsbuha eżatt l-Isqfijiet ta' Malta u Għawdex. L-Isqof Cauchi mhux darba jew tnejn tkellem favur inizjattivi simili. Jidhirli li anke l-Arċisqof Mercieca ġieli tkellem f'dan is-sens. Xieraq iżda li aħna bħala nsara nkunu infurmati b'dak li jkun għaddej u nagħtu ukoll il-fehmiet tagħna, dejjem jekk ser ikun hemm is-sehem dirett tal-Knisja. Jekk hija biss inizjattiva privata, allura m'għandna l-ebda parir x'nagħtu lil min ser jidħol għal dan il-piż. Naħseb li l-Knisja f'Malta u Għawdex irid ikollha *policy* ċara dwar ix-xandir televiżiv fi ħdanha. Jekk diġà hemm mhix magħrufa biżżejjed, jeħtieġ li tkun magħrufa u eventwalment diskussa aħjar!

## Il-Parking tar-Rabat Għawdex.

Xi xhur ilu daħlet is-sistema tal-parkeġġ f'Għawdex. Daħlet bi prova u qaluli dan l-aħħar li ż-żmien tal-prova skada. Sadanittant għadha tithaddem xorta waħda. Is-sistema fiha il-preġji tagħha. Per eżempju, sar iktar possibbli li f'ċerti ħinijiet tal-ġurnata ssib tipparkja fiċ-ċentru tar-Rabat anke jekk għal żmien limitat, ħaġa li qabel ma bdiet din is-sistema ma kienx possibbli. Pero` din is-sistema fiha ukoll l-aspetti negattivi tagħha. Per eżempju, din is-sistema hija diskriminatorja għal min joqgħod fil-periferiji tal-belt. Għalhekk ħolqot diskriminazzjoni bejn iċ-ċittadini mhux biss ta' l-istess belt imma kultant ukoll bejn ir-residenti ta' l-istess triq. Hemm triqat li jmissu ma' xulxin u sadanittant ġew impoġġija parti f'żona B u parti f'żona C. Inkitbu anke ittri ta' protesti dwar dan. Il-Kunsill tar-Rabat wiegħed li se jagħti każ tal-ilmenti, imma xhin ġew għall-implimentazzjoni tal-korrezzjoni fl-istess sistema l-Kunsill skopra li

m'għandu l-ebda setgħa. Dan joħroġ ċar mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill li ddiskutiet din is-sistema. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi, jekk qrajt tajjeb, li s-sistema tal-parkeġġ tkun limitata għall-parti ċentrali tar-Rabat u jiġu eliminati ż-żoni l-oħra. Barra minn hekk l-istess Kunsill qed jissuġġerixxi li jinħolqu żoni ġodda għal parkeġġ pubbliku. Kien hemm min semma il-foss taħt iċ-Ċittadella, u kien hemm min semma il-parkeġġ pubbliku li xi sena ilu kienu qalu li se jsir taħt l-art flok il-*Bus Terminus* u l-*parking* preżenti! Jew din kienet "ħolma tal-ftajjar" biss?....



Hu x'inhu, xi ħaġa sewwa għandha ssir u dan għandu jsir malajr biex ir-residenti tar-Rabat u dawk kollha li jinqdew fil-belt ewlenija t'Għawdex, ma jibqgħux jeqirdu u jisħtu...

A Whole New Look

Sharmain's Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

BOGI AUTO LTD

■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories

J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 551 070 • Fax: 563 073

## Prevenzjoni aħjar mit-tiswija.

Ma nafx kemm ser jiswa flus il-proġett tat-triq tax-Xħajma. Proġett utli għar-residenti tan-Nadur. Lanqas naf jekk dan ix-xogħol li qed isir issa, setgħax jiġi ffrankat kieku saret manutensjoni kif suppost ta' din il-parti tat-triq li sfrundat. Forsi ma kienx possibbli. Però hemm toroq oħra fejn dan hu possibbli. Insemmi per eżempju t-Telgħa ta' Għajn Qatet. Din it-triq saret mill-ġdid ftit tas-snin ilu. Dan l-aħħar pero` qed turi sinjali ta' ċediment strutturali. Ċerti fissuri li hemm fit-tarmak juru li l-art qed iċċedi u miexja . Ma jistax, ngħid jien, li jsir intervent urġenti biex din il-ħsara ma tkomplix tikber, billi jinbnew puntali fl-għelieqi tal-ġnub ħalli jżidu s-saħħa tat-triq?! Ma jiġux iffrankati l-ispejjeż jekk dan isir issa qabel ma t-triq iċċedi u nonfqu eluf ta' liri biex nirranġawha? Min ser jieħu l-inizjattiva? Tal-*Public Works*? Tal-Ministeru t'Għawdex? Jew tal-Kunsill Lokali?

## Egoiżmu ta' xi Għawdxin...

1. Iknes sewwa u aħsel b'ħafna ilma u *detergent* il-bankina ta` quddiem darek, u xkupa kollox għal nofs it-triq...Basta d-dar tiegħek tkun ***nadifa*** xummiema!
2. Biex żgur ma tħabbilx rasek fejn ser tipparkja, ħalli l-karozza tiegħek għal "ħames minuti" (!) quddiem garaxx (anke jekk għandu t-tabella **No Parking**), u ħalli lil sid il-garaxx jistenniek anke għal nofs siegħa jew siegħa biex jidħol jew joħroġ... basta int inqdejt ***malajr***!
3. Jekk teħel fil-kju ġo xi ħanut, bank, dipartiment jew il-Posta, biżżejjed tgħid: "Ajma kemm jien mgħaġġla! Ma nistgħax nistenna!", aqbeż lil kulħadd u nqeda` bla ma tagħti każ tat-tgergir... Basta ħadd fid-dinja mhu ***mgħaġġel*** ħliefek u daqsek!

## Il-*Mobile*... Mistoqsija!

Kif ser jiġi kkontrollat l-użu tal-*mobile-phones* fil-klassijiet tal-iskejjel u fil-knejjes waqt il-quddies? Bid-dixxiplina jew bil-liberta`?

SWEET SENSATIONS
CONFECTIONERY

For Cakes, Gateau,
Pastries & Confectionery
Jesmond & Maryanne Borg

55, St. Joseph Sqr.,
Qala, Gozo.
Tel: 565663
Home: 552277

L-INTERVISTA

# Il-Kummerċ f'Għawdex

DUN EDDIE ZAMMIT JINTERVISTA
LIL DR. MICHAEL CARUANA, VIĊI-PRESIDENT TAL-KAMRA
TAN-NEGOZJU F'GĦAWDEX.

***Meta twaqqfet il-Kamra tan-Negozju Għawdxija? X'għanijiet riedu jintlaħqu bit-twaqqif tagħha?***

Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex twaqqfet b'att pubbliku nhar l-20 ta' Diċembru tal-1999 biex tippromwovi l-interessi komuni tan-negozjanti f'Għawdex.
L-għanijiet tal-kamra huma li tħares u ġġib 'l quddiem l-interessi komuni tal-membri; tindirizza diffikulatajiet speċjalment dawk ikkawżati mill-insularità u reġjonalità tal-gżira Għawdxija; tgħin biex ittejjeb l-operazzjoni ta' intrapriżi kummerċjali f'Għawdex; tiżgura kooperazzjoni fost il-membri; tintervjeni f'nuqqas ta' qbil dwar negozju bejn il-membri jew bejn membri u terzi; tirrapreżenta lill-membri f'laqgħat reġjonali, nazzjonali u nternazzjonali; u teduka lill-membri bil-provediment ta' gwida ta' etika kummerċjali.



Is-sħubija hija miftuħa għal kull min jopera negozju f'Għawdex jew minn Għawdex u l-membri huma mqassmin f'sitt setturi li huma:
- Importazzjoni, bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut.
- Manifattura, esportazzjoni u artiġjanat.
- Kostruzzjoni.
- Servizzi (finanzi, assikurazzjoni, legali ta' kura, trasport, eċċ).
- Biedja u Sajd.
- Turiżmu.

***X'inizjattivi ħadet il-Kamra tan-Negozju minn kemm ilha imwaqqfa?***

Sa mill-bidu, l-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ippruvat tgħaqqad is-setturi kollha tan-negozju u ndustrijali t'Għawdex sabiex jinħoloq front komuni, biex dawk in-nies li jinvestu f'Għawdex ikunu jistgħu jwasslu leħinhom quddiem l-awtoritajiet konċernati.

Il-Kamra temmen li fl-għaqda hemm is-saħħa, u ħasset li f'Għawdex kien jonqos dik il-ħolqa li tkun kapaċi tgħaqqad is-setturi kummerċjali u ndustrijali, u tieħu l-inizjattiva biex id-drittijiet u l-ħtiġijiet li jinqalgħu minħabba s-sempliċi fatt li aħna gżira iċken, jiġu mħarsa. Għalhekk il-Kamra fasslet statut li jgħaqqad flimkien id-diversi setturi ħalli kull wieħed minnhom jiġi eżaminat fil-partikularitajiet tiegħu u naturalment jittieħdu l-passi li jkun hemm bżonn.



Dwar l-inizjattivi li ħadet il-kamra nista' nsemmi l-organizazzjoni ta' diversi *seminars*. Hija ukoll tifforma parti minn sensiela ta' kumitati bħal *Malta E.U. Steering Committee* (MEUSAC); Il-Pjan ta' Żvilupp Nazzjonali, Il-Pjan Rurali u oħrajn. Kellha diskussjonijiet ma' l-Awtorità Marittima, *il-Gozo Channel*, il-Ministeru għal Għawdex u ministeri oħra. Fost is-suġġetti li ddisukutejna dan l-aħħar ma' l-awtoritajiet konċernati kien hemm il-proġett tat-*terminal* tal-Imġarr kif ukoll l-istatus reġjonali tal-gżira. Dwar din ta' l-aħħar, il-Kamra ppreżentat stqarrija lill-President ta' Malta, liema stqarrija kienet iffirmata mill-Kamra tan-Negozju Għawdxija, mill-Kunsilli Lokali kollha Għawdxin, u mill-*Gozo Tourism Association*. Barra minn hekk il-Kamra ffurmat delegazzjoni li marret *Brussels* biex tiġbor iktar tagħrif dwar l-Unjoni Ewropea u anke tesprimi l-opinjonijiet tagħha, u ipparteċipat f'*seminars* barra minn Malta organizzati mill-Għaqda tal-Kmamar tal-Kummerċ tal-gżejjer żgħar.

***Għaliex il-Kamra ħasset il-ħtieġa li torganizza għall-ewwel darba l-Fiera tal-Kummerċ Għawdxija, jiġifieri l-"Gozo Trade Fair"?***




Il-Kamra ħasset il-ħtieġa li l-Għawdxin ikollhom il-vetrina fejn ikunu jistgħu jesponu l-prodotti tagħhom taħt saqaf wieħed. Naturalment il-Kamra tan-Negozju temmen fil-kapaċita` tad-diversi setturi u temmen ukoll li l-Għawdxin huma kapaċi jesponu l-prodotti tagħhom flimkien, minkejja xi differenzi.

Din l-ideja fil-fatt nibtet fi ħdan is-settur tal-artiġjanat tal-Kamra tan-Negozju u wara diskussjonijiet li saru, ħassejna illi jkun xieraq li din l-opportunità tingħata lis-setturi




kollha, sewwa dawk ta' l-artiġjanat kif ukoll lid-diversi setturi l-oħra kummerċjali, turistiċi u ndustrijali.

Il-konkorrenza kienet iktar milli stennejna, tant li nħasset il-ħtieġa għal iżjed spazju biex jiġu akkomodati l-ikbar numru possibbli. L-iskop tal-Kamra kien li dan isir għall-ġid tan-negozju u l-kummerċ Għawdxi. Fil-fatt kien hemm parteċipazzjoni sabiħa ta' 'l fuq minn 50 esebitur li jkopru s-setturi kollha tan-negozju f'Għawdex. Din il-parteċipazzjoni qawwija tagħmlilna kuraġġ u tkompli ssaħħah l-inizjattivi tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex.




Nieħu din l-okkażjoni sabiex f'isem il-Kamra nagħti prosit lill-Kumitat tas-Settur tal-Artiġjanat, speċjalment lis-Sinjuri Joe Grech, Charlie Axiaq u Noella Vella, u lil dawk kollha li ħadmu sħiħ biex din il-fiera setgħet ssir realta`. Nirringrazzja ukoll lill-parteċipanti kollha u lill-pubbliku numeruż li żar din il-fiera. Ma' dawn inroddu ħajr lill-isponsors tagħna, *Vodafone*, u *Bank of Valletta,* kif ukoll lill-*Gozo Channel* u lill-Ministeru għal Għawdex għas-sehem u l-appoġġ li tawna.

***Nistgħu nitkelmu minn ekonomija purament Għawdxija? X'inhuma l-karatteristiċi li jiddentifikawha?***



Il-Kamra temmen li teżisti ekonomija distintament Għawdxija. Dan mhux biss minħabba l-fatt ġeografiku tal-gżira, fis-sens li aħna gżira partikulari maqtugħa minn Malta, iżda ukoll minħabba l-fatt li l-mentalità kummerċjali ġewwa Għawdex hija ukoll distinta minn dik ta' oħrajn ġewwa Malta. In-negozjant Għawdxi jrid jaffronta mhux biss il-problemi li l-kummerċ iġib miegħu lil kwalunkwe negozjant ieħor f'Malta, imma jrid iħabbat wiċċu ukoll mal-fatt li s-suq Għawdxi hu iżgħar minn dak Malti u għalhekk jirrendi ferm inqas, avolja l-ispejjeż ikunu kbar daqs ta' negozjant f'Malta.






***X'vantaġġi tħoss li toffri l-ekonomija Għawdxija kemm għall-kummerċjant kif ukoll għall-konsumatur Għawdxi?***

L-ekonomija t'Għawdex hija ħafna dipendenti mill-insularità li teżisti bejn il-gżejjer, fejn it-temp jista' jaffettwa sew ir-ritmu ta' l-ekonomija ġewwa Għawdex. Fil-fatt, jekk għal xi raġuni s-servizz tal-*Gozo Channel* jiġi sospiż jew imnaqqas, Għawdex iħoss l-impatt dirett u mmedjat. Jekk wieħed jikkunsidra n-numru kbir ta' turisti li kuljum jaqsmu lejn Għawdex, għax s-servizz f'jum partikulari jiġi sospiż, dan in-nuqqas jinħass mis-setturi kollha. Għalhekk in-negozjant Għawdxi jrid ifassal il-pjan tiegħu f'qafas li huwa rregolat miċ-ċokon tal-gżira ta' Għawdex, mit-temp u anke mill-istaġun tas-sena.



***Xi sfidi tħoss li qed tħabbat wiċċha magħhom l-ekonomija Għawdxija? X'support tistenna l-Kamra tan-Negozju mill-Amministrazzjoni Ċentrali?***

L-ikbar sfida li tiffaċċja l-Kamra tan-Negozju hija l-aċċessibilità ma' l-Awtoritajiet kollha kkonċernati. Filwaqt li sibna ħafna appoġġ mill-Ministru u Segretarji Ministerjali għal Għawdex, ma sibniex l-istess appoġġ minn dawk ta' Malta. Il-Kamra tan-Negozju temmen li qed taqdi dmirha bħala għaqda mhux governattiva u l-




kontribut li qed tagħti lill-gżira Għawdxija hu ta min jinkuraġġih. Il-problema li niffaċċjaw spiss u li ħafna drabi nippruvaw nikkomunikaw u nsolvu mal-kollegi tagħna f'Malta, ħafna drabi ma ssibx dik l-art fertili biżżejjed li nixtiequ. Huwa ferm importanti li l-awtoritajiet konċernati u l-amministrazzjoni ċentrali jagħtu widen għal dak li l-Kamra tan-Negozju qed tipproponi għall-ġid tal-gżira Għawdxija, u mhux kif qed jiġri ħafna drabi, fejn isiru laqgħat ħalli jiġi nċentivat n-negozju ġewwa Għawdex u mbagħad ma jiġi rrealizzat xejn.




***X'aġenda għandha l-Kamra tan-Negozju Għawdxija u kif tħares lejn ir-relazzjoni li għandu jkollu Għawdex mal-Unjoni Ewropeja?***

L-Aġenda prinċipali fi ħdan il-Kamra tan-Negozju hi li, jekk fl-eventwalità li Malta tissieħeb fl-U.E. ikollha l-istess fakultajiet, drittijiet, u sussidji bħal kull gżira reġjun oħra li jeżistu fl-U.E. Aħna nemmnu li l-politika reġjonali għal Għawdex hija ta' l-ikbar vantaġġ għal Għawdex kif ukoll għal Malta u għaldaqstant il-Kamra tan-Negozju qed tkompli tinsisti sabiex waqt in-negozjati li qed isiru, Għawdex jiġi kkunsidrat bħala reġjun.

Wieħed għandu jagħmel minn kollox sabiex Għawdex jikseb l-aħjar pakkett finanzjarju. Dan kollu jiddependi minn dawn il-ġimgħat li ġejjin, meta qed jiġi negozjat jekk Għawdex għandux jitqies bħala reġjun jew le. Mill-ħafna diskussjonijiet li kellna, sewwa f'*seminars* li saru ġewwa Għawdex u f'Malta kif ukoll f'*seminars* li attendejna apposta barra minn Malta, kollha tawna x'nifhmu li l-politika ta' Għawdex bħala reġjun, hija l-aktar waħda vantaġġjuża. Inħoss lil-awtorijtajiet fin-negozjati għandhom jinsistu li Għawdex jiġi kkunsidrat bħala gżira reġjun fil-kuntest tad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea.

Red Rose
Bar & Restaurant
Australian Fish & Chips
Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo


COOL DOWN THIS SUMMER!
AIRCONDITIONERS @
UNBEATABLE PRICES
& UNSURPASSED QUALITY
tecnocool
JAPANESE TECHNOLOGY
HIGHER EFFICIENCY
LOWER NOISE LEVEL
MITSUI
air conditioners
ULTRA COMPACT
Prices starting
from just Lm249
(including installation)
Contact Tony Attard ELETECH now
on 2155 1819, 2155 3452 or 9942 7133
You can also ask at
SMC Designs
at Għar Gerduf Street, Victoria.
Design: SMC Designs Tel. 2155 2904, 9942 7063

# PASTORALI DJOĊESANA MAŻ-ŻGĦAŻAGĦ GĦAWDXIN FIR-RANDAN U L-GĦID 2002

*Minn Dun Giovanni Curmi*

**Iż-żmien liturġiku tar-Randan u ta' l-Għid kien żmien pjuttost impenjattiv għall-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ, li ħadet ħsieb torganizza għadd ta' attivitajiet u inizjattivi pastorali għaż-żgħażagħ.**

### *Kampanja ta' Ġbir ta' Fondi*

Ta' kull sena, matul iż-żmien tar-Randan, il-KDŻ tmexxi kampanja ta' ġbir ta' fondi bl-għajnuna ta' l-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji Għawdxin b'risq xi Għaqda filantropika Għawdxija. Din l-inizjattiva għandha żewġ għanijiet: l-ewwel, li tissensibilizza 'l-istudenti sekondarji dwar sitwazzjonijiet ta' bżonn f'Għawdex stess u hekk jiġu konxji ta' bżonnijiet soċjali li forsi qabel qatt ma kienu ħasbu dwarhom; it-tieni, li jitgħallmu s-sens ta' solidarjetà fil-konfront ta' dawk li huma fil-bżonn. Fil-fatt, l-istudenti ma jintalbux li jagħtu flus mill-but, iżda li jiġbru flus minn fost familjari u ħbieb (u qatt mill-iskola jew fil-ħin ta' l-iskola), biex is-solidarjetà ma titqiesx biss minn kemm lest tagħti flus mill-but imma minn kemm lest timpenja lilek innifsek u l-ħin tiegħek favur l-oħrajn. Inizjattiva bħal din tinvolvi numru kbir ta' studenti li b'mod volontarju jilqgħu din l-istedina. Tinvolvi wkoll numru ta' għalliema f'kull skola biex jikkoordinaw l-attività. Ta' min jgħid li dejjem sibna kollaborazzjoni sħiħa mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni għal Għawdex u mill-amministrazzjoni ta' l-iskejjel sekondarji.

Il-kampanja ta' din is-sena kienet indirizzata b'risq l-Għaqda GAVI (*Gozo Aid for the Visually Impaired*), bil-għan li ngħinu fix-xiri ta' *printer* tal-Braille. Inġabret is-somma ta' Lm400, bis-sehem ta' għadd ta' studenti u għalliema li jiffrekwentaw il-Kumpless Ninu Cremona, l-iskola Agius de Soldanis u s-Seminarju Minuri. Fis-sitt snin li ilha ssir din l-inizjattiva, inġabru Lm2323.68 b'risq diversi għaqdiet filantropiċi Għawdxin.

Minkejja l-ammont sabiħ ta' flus li nġabru, qed ninnutaw, però, kemm qed issir diffiċli li ninvolvu studenti kbar f'din l-inizjattiva. Difatti, hu faċli tinvolvi studenti tal-Forms 1 u 2, imma minn Form 3 'l fuq hu diskors ieħor. Barra minn hekk, fejn fl-ewwel snin kienu ħafna l-istudenti li joħorġu jiġbru l-flus, illum numru mhux ħażin ta' studenti isibuha aktar faċli li joħorġu l-flus minn buthom milli li jissagrifikaw il-ħin tagħhom b'risq l-oħrajn. Din is-sena ltaqjna wkoll ma' problema oħra li qed iħabbtu wiċċhom magħha l-amministrazzjonijiet ta' l-iskejjel sekondarji: in-numru dejjem jiżdied ta' talbiet minn organizzazzjonijiet differenti biex jiġbru flus mingħand l-istudenti jew biex jinqdew bl-istudenti għall-ġbir tal-flus.

### *Weekend Irtir għaż-Żgħażagħ (22-24 ta' Frar 2002)*

Il-*weekend* irtir inżamm Dar Manresa u tmexxa minn Fr. Charles Said S.D.B. It-tema li ntgħażlet għall-irtir kienet *"Jien wiċċek infittex, Mulej"* (Salm 27,8). Ipparteċipaw 25 żagħżugħ u tfajla, flimkien ma' tliet saċerdoti li jaħdmu maż-żgħażagħ. Seba' żgħażagħ oħra pparteċipaw biss għal xi mumenti mill-irtir minħabba mpenji personali ta' xogħol jew studju.



L-irtir tar-Randan nagħtuh ħafna importanza fil-kalendarju annwali tal-K.D.Ż, għax dawk li jieħdu sehem fih żgur li jġarrbu esperjenza spiritwali profonda. L-irtir kien fih varjetà sabiħa ta' attivitajiet, bħal mumenti ta' riflessjoni personali, *sharing* fi gruppi, mument ta' talb filgħodu kmieni fil-Wied tal-Lunzjata, Via Crucis fuq l-Għolja ta' Għammar, adorazzjoni ewkaristika bil-lejl, qrar u direzzjoni spiritwali.

Id-diffikultà prinċipali li ltqajna magħha kienet in-nuqqas ta' kmamar disponibbli – peress li kien hemm gruppi oħra qed jagħmlu irtir – biex setgħu jipparteċipaw aktar żgħażagħ. Fil-fatt, il-Ħadd 10 ta' Marzu, il-KDŻ organizzat nofs ta' nhar irtir ieħor għal grupp ta' żgħażagħ mill-Knisja tan-Nażżarenu li ma setgħux jipparteċipaw f'dan l-irtir.

### *Eżerċizzi tar-Randan għall-Universitarji Għawdxin f'Malta (12-14 ta' Marzu)*

Flimkien mal-Grupp Universitarji Għawdxin (G.U.G) ta' kull sena qed norganizzaw kors ta' tlett ijiem

eżerċizzi għall-universitarji Għawdxin. L-eżerċizzi jinżammu għand is-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, l-Imsida. S'issa dan hu l-uniku kuntatt (ftit wisq!) li qed inżommu ma' tant żgħażagħ Għawdxin li jistudjaw jew jaħdmu Malta. Sfortunatament, din is-sena ma tantx organizzajna tajjeb wisq dawn l-eżerċizzi.

### *Eżerċizzi tar-Randan għaż-Żgħażagħ*

L-eżerċizzi tar-Randan fil-parroċċi jigu organizzati mill-Parroċċi stess, u huma mument importanti fil-pastorali parrokkjali maż-żgħażagħ u fil-formazzjoni nisranija tagħhom. Numru kbir ta' żgħażagħ għadhom jipparteċipaw għal dawn l-eżerċizzi, u l-arċiprieti/kappillani għandhom iħossu l-importanza ta' dan il-mument fil-programmazzjoni pastorali tagħhom.



Peress li din is-sena qed niċċelebraw il-ħamsin anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Mons. Isqof Nikol Cauchi, il-K.D.Ż ħadet ħsieb tikkuntattja lill-parroċċi biex waħda mill-granet ta' l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ titmexxa minn Mons. Isqof. Kienet okkażjoni sabiħa kemm għal Mons. Isqof, li b'dan il-mod seta' jiltaqa' ma' ħafna żgħażagħ Għawdxin, kif ukoll għall-istess żgħażagħ li setgħu jisimgħu mill-qrib il-kelma tar-Ragħaj tad-Djoċesi.

### *Ġurnata Volontarjat Malta (2 ta' April 2002)*

Din l-attività saret f'kollaborazzjoni mal-grupp "*Living with Hope*". F'Malta nqsamna f'żewġ gruppi: grupp morna nagħtu daqqa t'id għand is-Sorijiet Ursolini tal-Creche, u grupp ieħor mar jgħin fid-Dar tal-Kleru, Birkirkara. Konna b'kollox 16-il persuna: għajr is-saċerdot, kollha tfajliet. Diffiċli tinvolvi l-ġuvintur, donnu ftit għandhom interess f'inizjattivi bħal dawn. Wara ftit ħin mistrieħ il-Buskett, morna għand is-Sorijiet Klarissi ta' San Ġiljan, fejn iċċelebrajna l-quddiesa flimkien magħhom. Kważi nofs il-kunvent hu magħmul minn sorijiet Għawdxin.



### *Jum il-Vokazzjonijiet (21 ta' April 2002)*

L-aħħar attività li għamilna s'issa għaż-żgħażagħ kienet laqgħa ta' talb fil-Jum Mondjali ta' Talb għall-Vokazzjonijiet. Din il-laqgħa issa ilha ssir għal diversi snin, u ssir f'kollaborazzjoni mas-Seminarju Maġġuri. Din is-sena saret fil-knisja parrokkjali ta' l-Għarb. Kien hemm mumenti ta' kant, proklamazzjoni tal-Kelma t'Alla, riflessjoni mill-Arċipriet ta' l-Għarb Dun Karm



Gauci, ħinijiet ta' talb fis-silenzju u adorazzjoni ewkaristika. Żewġ tfajliet animaw it-tema tal-laqgħa ("*Come, follow me...*") permezz tal-*ballet*. Apprezzajna ħafna l-preżenza ta' Mons. Isqof li, barra l-ħsieb li qasam magħna, qagħad jitlob magħna matul il-laqgħa.

L-organizzazzjoni ta' dawn l-inizjattivi tinvolvi ftit tax-xogħol mhux ħażin. Imma b'xorti tajba, għalkemm numru żgħir, fil-K.D.Ż qegħdin grupp ta' żgħażagħ li naħdmu tajjeb flimkien. Inħossu, però, il-bżonn ta' aktar żgħażagħ li jaħdmu fil-parroċċi fil-pastorali maż-żgħażagħ. L-istess diskors jingħad għas-saċerdoti: għandna ftit wisq saċerdoti mitfugħin fuq dan il-kamp pastorali, minkejja li l-pastorali ma' l-adolexxenti u żgħażagħ hi fost il-prijoritajiet tal-Pjan Pastorali Kwinkennali (2001-2005).

Xtaqna kieku għal dan is-sajf nipparteċipaw bħala Kummissjoni fil-Jum Mondjali taż-Żgħażagħ li se jsir Toronto f'Lulju li ġej. Iżda ma sibniex interess, forsi minħabba l-ispiża mhux żgħira li hi meħtieġa għal vjaġġ bħal dan. Nittamaw li, almenu fuq inizjattiva personali, xi żgħażagħ imorru l-Kanada, u hekk jirrappreżentaw liż-żgħażagħ Għawdxin f'din il-laqgħa straordinarja ta' fidi.

Qed naħdmu wkoll biex, bħas-sajf li għadda, għal Awissu nitilgħu grupp Napli għal ħidma ta' volontarjat mas-Sorijiet ta' Mother Teresa. Dawk iż-żgħażagħ interessati jistgħu jikkuntattjawna l-uffiċċju tal-Kummissjoni (21 565638).

Riflessjonijiet miġbura minn A.C.M.

# KIF IL-KNISJA TĦARES LEJN L-*INTERNET*

Il-Papa Ġwanni Pawlu II:

**"Il-Knisja tħares lejn l-Internet b'realiżmu u b'fiduċja. Bħal mezzi l-oħra, l-Internet huwa mezz u mhux skop fih innifsu.**

**L-Internet jista' joffri opportunitajiet tassew kbar għall-evanġelizazzjoni jekk jiġi użat:**

- **b'kompetenza**
- **b'għarfien ċar tal-qawwa u tad-dgħufija tiegħu."**

(Messaġġ tal-Papa għal Jum il-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali 2002)







## *It-Tajjeb fl-Internet*

- L-*Internet* huwa bħal tieqa fuq id-dinja. Ħafna żgħażagħ jersqu lejh.
- L-*Internet* jista' joffri nformazzjoni, istruzzjoni u katekeżi fuq it-tagħlim tal-Knisja.
- Jista' jservi biex dak li jkun jagħmel l-ewwel kuntatt mal-Messaġġ Nisrani.

Iżda dan mhux biżżejjed. Il-komunità Nisranija trid tgħin biex dawk li jagħmlu l-ewwel kuntatt jgħaddu mid-**dinja virtwali** għad-**dinja reali.**

Mhux biżżejjed il-kuntatt mal-Knisja *via Internet*. Biex wieħed ikollu esperjenza profonda t'Alla jrid jieħu sehem reali

- **fil-ħajja liturġika** billi jmur il-knisja u jissieħeb mal-komunità liturġika
- u **fil-ħajja sagramentali** li l-Knisja biss tista' toffri.

## *It-Tħassib dwar l-Internet*

*Fost l-oħrajn jissemmew dawn li ġejjin:*

L-*Internet* joffri ruxxmata nfinita ta' informazzjoni u fatti li wħud minnhom idumu għal mument wieħed biss. Għalhekk hemm ir-riskju li l-bnedmin jemmnu aktar lill-**fatti** milli lill-**valuri**.

***L-Internet ma jgħallimniex il-valuri veri tal-ħajja tal-bniedem.***

***U meta il-valuri jiġu traskurati, il-bniedem jitlef id-dinjità tiegħu.***

# *Aspetti Negattivi*

Minkejja li l-*Internet* għandu potenzjal enormi ta' ġid, jista' jiġi wżat b'mod li jbaxxi u jagħmel ħsara. Fost l-aspetti negattivi hemm

- il-***hate-sites***: fejn xi gruppi jinċitaw għall-mibegħda,
- ***websites* pornografiċi u vjolenti,**
- ***websites* ambigwi**: fejn isiru allegazzjonijiet impinġija qishom kienu fatti,
- ***websites* pseudo-reliġjużi**: minn barra taħsibhom reliġjużi imma fil-fatt jagħtu interpretazzjoni mgħawwġa tar-reliġjon.



# *Riskju*

Hemm ir-riskju li l-bniedem li juża l-*Internet* aktar jinġibed lejn dak li jmiss b'idejh u jidher utli f'għajnejh. U tonqos fih r-**riflessjoni** u l-**ħsieb.**

Għall-*Internet* kollox huwa aċċettabli. Għalhekk min jużah irid juża **Għaqal** u **Dixxerniment** biex jagħraf jagħżel it-tajjeb mill-ħażin.

# L-Internet jgħin fl-Evanġelizazzjoni

L-Internet jgħin fl-Evanġelizazzjoni billi jagħmilha possibli li wieħed jagħmel kuntatti.

Iżda dawn il-kuntatti u rapporti imwassla elettronikament qatt ma jieħdu post il-kuntatt u x-xhieda personali. Għax l-Evanġelizazzjoni tiddependi ħafna mix-xhieda personali.

## *Mistoqsijiet tal-Papa*

1. Kif jista' l-*Internet* iservi għall-Kawża tal-Paċi?
2. Kif jista' jġib 'l quddiem il-kultura
   *tad-**djalogu***
   *tas-**solidarjetà***
   *tar-**rikonċiljazzjoni***
   li mingħajrhom ma tistax tiġi Paċi?

## *Tweġiba tal-Papa*

Biex isir dan, il-Knisja hija determinata li tidħol fl-*Internet* imsaħħa bil-Vanġelu ta' Kristu, l-Prinċep tal-Paċi.

U hawn tiġi mistoqsija oħra. Permezz ta' l-*Internet* miljardi ta' stampi jidhru fuq miljuni ta' *screens* fid-dinja kollha.

Minn din ir-ruxxmata ta' stampi:

**- Joħroġ il-wiċċ ta' Kristu?**

**- Jinstema' l-leħen ta' Kristu?**

GĦALIEX:

hu wara li naraw Wiċċ Kristu u nisimgħu leħnu, li d-dinja tagħraf l-Aħbar it-Tajba tal-Fidwa tiegħu.

***Jekk fuq l-Internet ma jkunx hemm spazju għal Kristu, lanqas ikun hemm spazju għall-bniedem.***

## Xi kummenti dwar l-*Internet*

***Il-Papa jħeġġeġ lill-Knisja sabiex b'kuraġġ "taqdef 'il barra fil-fond" u tidħol fin-network ta' l-Internet biex tevanġelizza lill-bniedem tat-tielet millenju.***

## Intervisti

Fit-28 ta' Frar 2002, il-Kunsill Pontifiċju għall-Mezzi tal-Komunikazzjoni Soċjali ppreżenta żewġ dokumenti "*Ethics in Internet*" u "*The Church and the Internet.*"

L-Isqof PierFranco Pastore, Segretarju tal-Kunsill, semma li l-uniku mod kif tikkumbatti l-użu ħażin ta' l-*Internet* hu billi tuża l-*Internet* tajjeb. Hu qal: ***"Is-soluzzjoni għall-problemi ta' l-Internet hu l-Internet inniffsu."***

L-Arċisqof John Foley, President tal-Kunsill: L-*Internet* huwa opportunità u sfida u mhux theddida. ***"Fundamentalment ma nikkunsidrawx l-Internet biss bħala għajn ta' problemi iżda narawh bħala sors u GĦAJN TA' BENEFIĊĊJI U ĠID GĦALL-UMANITÀ."***



## Where there is wood, there is Milesi




MILESI
Wood Varnishes

*Sole Agents*
MARIO PORTELLI TRADING
5, St. Joseph Street, Qala
Tel: 21556649 Fax: 21562985 Mobile: 9944 0360

AA
*George J. Bonello*
**Armier Trading Agency**
GENERAL TRADERS & COMMISSION AGENTS
98 MGARR ROAD, QALA GSM 104, GOZO, MALTA
**Tel/Fax: 21 560294**

M
**TAL-MUDELL**
**HARDWARE SHOP**
FORTUNATO MIZZI STREET, VICTORIA, GOZO
TEL. 21 554131

*Ta' Pawlu*



**Bar & Restaurant**
*Tel:* 2155 8355
*Mob:* 9942 1536
*Fax:* 2156 4382
4 Triq Manuel de Vilhena, Imgarr, Gozo, GSM 104.



**CHARLIE MERCIECA**
(TAL-GUS)
**WOODWORK**
"Paradise" House
Bullara Street,
Xagħra, Gozo
XRA 102
Tel: 21 564940




## Anniversarju ta' l-Ewwel Quddiesa fl-Amerika

Il-Kardinal Nicolas de Jesus Lopez Rodriguez, Arċisqof ta' Santo Domingo, Repubblika Dominikana, se jkun il-mibgħut tal-Papa għaċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-500 Anniversarju ta' l-ewwel Quddiesa ċċelebrata fid-dinja l-ġdida. Iċ-ċelebrazzjonijiet ċentenarji għandhom isiru f''Tegucigalpa, Honduras, fl-14 t'Awissu. L-ewwel Quddiesa fuq il-kontinent Amerikan tqaddset tul ir-raba' u l-aħħar vjaġġ ta' Kristofru Columbus, li niżel fuq l-art tal-Honduras fit-30 ta' Lulju 1502, fuq il-gżira Guanaja. Fl-14 t'Awissu ta' dik is-sena, l-ispedizzjoni waslet Punta de Caxinas, illum Punta de Castilla. Kien hawn li ġiet ċċelebrata l-ewwel Quddiesa.

## Jikbru l-Vokazzjonijiet għall-ħajja kontemplattiva.

Ir-rivista *Vita Pastorale* ħabbret li qed nassistu għal splużjoni monastika fost il-Benedittini. Bejn l-1980 u s-sena 2000 twaqqfu 116 monasteru Benedittin ġdid. Fil-Korea t'isfel hemm monasteru b'aktar minn 200 soru Olivetjana. Il-fenomenu hu kompless: min-naħa hawn nuqqas ta' vokazzjonijiet, saċerdotali u reliġjuzi; min-naħa l-oħra, nassistu għal splużjoni tal-ħajja monastika u kontemplattiva. Biex inwieġbu għall-bżonn tal-vokazzjonijiet in ġenerali, *Vita Pastorale* tagħmel erba suġġerimenti: eżerċizzi spiritwali u rtiri; l-apostolat tat-talb; komunitajiet ta' ħajja nisranija; *support* spiritwali minn qassisin, reliġjużi u lajċi mħarrġin.

## Diskriminazzjoni kontra il-Kattoliċi Brittaniċi

Il-Kardinal Cormac Murphy-O'Connor, Arċisqof ta' Westminster, jaħseb li wasal iż-żmien li l-Ingilterra tneħħi l-projbizzjoni storika fuq kull eredi għat-tron li jiżżewweġ lil parti Kattolika. Skond il-Kardinal, l-*Act of Settlement* mhux u m'għandux ikun rilevanti fid-dinja u l-Ingilterra ta' llum. Wara kollox, hu qal li l-*Act* mhux tant li hu att ta' diskriminazzjoni kontra l-Kattoliċi Rumani kif fil-fatt hu, iżda jidhirlu li hu diskriminazzjoni kontra l-familja reali. Qal ukoll li l-liġi preżenti għandha tinbidel biex il-Prinċep William ikun jista' jiżżewweġ lil xi ħadd ta' kwalsijasi fidi. Skond il-liġi hu jista' jiżżewweġ Hindu, Buddista, kulħadd, iżda mhux Kattolika Rumana, qal il-Kardinal. Dan jidhirlu li hu anomalu u jaħseb li għandu jitneħħa.

## IS-SEKLU 20 TA L-IKBAR NUMRU TA' INSARA MARTRI

Is-seklu 20 aktarx li kien l-aktar li spikka fl-annali tal-martri nsara, u ktieb ġdid juri dan permezz tan-numri. F'elfejn sena ta' storja nisranija, madwar 70 miljun nisrani mietu għall-fidi tagħhom, u minn dawn, 45.5 miljun jiġifieri 65 % seħħew fis-seklu li għadda, skond *I Nuovi Perseguitati*. Il-ġurnalist Taljan Antonio Socci ppreżenta l-ktieb tiegħu nhar l-10 ta' Mejju li għadda fl-Atenew Regina Apostolorum. "Jien preżentajt id-draft tal-ktieb f'Jannar; minn dakinhar ma kienx hemm waqfien għall-martri fil-Knisja", qal. Biżżejjed taħseb f'dak li qed jiġri fil-Kolombja u fl-Indonesja. Skond Socci, il-persekuzzjoni ta' żmienna tinsab f'pajjiżi fejn l-insara qed imutu għall-fidi tagħhom, bħall-Gżejjer Molucca fl-Indonesja, il-Bangladex, l-Indja, in-Niġerja, it-Timor tal-Lvant, Kuba, l-ex-Repubbliki Sovjetiċi, l-Arabja Sawdita u pajjiżi Musulmani oħra, il-Vjetnam, iċ-Ċina u oħrajn. Skond l-awtur, iż-żewġ kurrenti li jsostnu l-persekuzzjoni ta' l-insara fi żmienna huma l-komuniżmu u l-fundamentaliżmu Iżlamiku. Socci qal li bħalissa l-eħrex persekuzzjoni ta' l-insara hi fis-Sudan.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI ⑨



# L-Istoriċità ta' l-Evanġelji

KITBA TA' MONS. ISQOF NIKOL Ġ. CAUCHI

## ĠESU`, PROFETA U GĦALLIEM



Alla rrivela lilu nnifsu fil-ħolqienġ difatti min jifli n-natura u l-ħlejjaq, għandu jasal biex jintebaħ li jeżisti Alla, għaliex ma jistax ikun hemm effett mingħajr kawża proporzjonata għalih. Meta wieħed iħares bir-reqqa lejn il-ħwejjeġ maħluqa li hemm madwaru, jikseb ukoll xi għarfien dwar il-kobor u s-sbuħija ta' Alla. Kristu stess stedinna biex nagħrfu l-kobor tal-Ħallieq fil-kreaturi tiegħu, meta qal lid-dixxipli: "Ħarsu lejn il-ġilji tal-egħlieqi, kif jikbru! U la jitħabtu u l-anqas jinsġu. Madankollu, ngħidilkom, anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom. Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna!"(Mt. 6,28–30).

Alla rrivela lilu nnifsu, permezz ta' ċerti personaġġi tar-Rabta l-Qadima. Ġara li nies oħra kienu jiddependu biss mill-ħolqien biex jgħarfu 'l Alla u kien hemm minnhom li spiċċaw biex jaduraw xi wħud mill-ħwejjeġ maħluqa stess, bħal ma huma x-xemx u l-qamar. Iżda Alla għarraf lilu nnifsu lill-poplu lhudi b'rivelazzjoni speċjali, li nistgħu ngħidu li bdiet mis-sejħa ta' Mose' (madwar 1250 Qabel Kristu) meta Alla wieġbu u qallu x'inhu l-isem propju tiegħu: "Jien hu dak li hu" (Eżodu 3,1–15).

### Rivelazzjoni definitiva

Fl-aħħarnett, Alla jirrivela lilu nnifsu b'mod sħiħ u perfett, fil-persuna ta' Ġesù Kristu. Meta Filippu talbu: "Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina". Ġesù wieġeb: "Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier" (Ġw.14,8-9). Dwar din ir-rivelazzjoni mibdija fir-Rabta l-Qadima u kompluta fi Kristu, l-Ittra lill-Lhud tgħidilna: "Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu" (Lhud,1,1-2).

Ir-rivelazzjoni li Alla ried li sseħħ permezz tal-Patrijarki u l-Profeti ta' Israel kienet biss rivelazzjoni parzjali u biha ġew murija fid-dawl tagħhom, mhux il-veritajiet kollha, iżda biss xi wħud minnhom. Madankollu, r-rivelazzjoni tar-Rabta l-Qadima, minkejja l-limiti tagħha, ħejjiet it-triq għar-rivelazzjoni sħiħa u definittiva, dik magħmula u mwettqa minn Kristu, l-Iben ta' Alla. Huwa kien ir-Rivelatur il-Kbir, mhux biss bħala suġġett jew il-persuna li xxandar il-messaġġ ta' Alla, iżda wkoll bħala oġġett, għaliex Kristu, fih innifsu huwa l-verita` li aħna għandna naċċettaw u nemmnu.

Min kien, allura, l-messaġġier ta' Alla għall-umanita` kollha u mhux biss għall-poplu ta' Israel, żgħir fin-numru iżda tabilħaqq il-poplu ta' Alla u magħżul minnu? Dan il-messaġġier ta' Alla mhux ħadd ieħor ħlief l-Iben Divin tiegħu, Ġesu` Kristu, Mulej tagħna, veru Alla u veru bniedem. Hu twieled minn Marija Verġni, għex fostna, ħadem u bata, sakemm ikkundannawh għall-mewt tas-salib u miet msallab, iżda huwa qam mill-mewt, kif kien ħabbar qabel.

Il-ħajja viżibbli ta' Kristu fid-dinja tibda bil-misteru tat-twelid tiegħu u tintemm b'dak tat-tlugħ tiegħu fis-Sema, li huwa l-quċċata tal-misteri l-oħra kollha u t-tmiem tal-qagħda ta' Kristu fid-dinja, bħala bniedem li jidher u jgħix mal-bnedmin. Permezz tal-fidi nisranija, aħna nemmnu u nistqarru dawn il-misteri, waqt li permezz tal-liturġija aħna niċċelebrawhom matul is-sena liturġika, li tibda fl-ewwel Ħadd ta' l-Avvent u tintemm fil-festa ta' Kristu Sultan.

Lil Kristu, feddej tagħna, nagħtuh iktar minn titlu wieħed, mhux biss dak ta' sultan, iżda wkoll ta' saċerdot, profeta, u għalliem tagħna. F'dan il-kuntest, qegħdin inħarsu lejn Kristu bħala xandar tal-messaġġ li Alla għandu għal bnedmin. Għalhekk, mhux barra minn postu li ngħidu kelma dwaru bħala profeta u imbagħad narawh bħala għalliem u x'inhu l-kontenut ta' tagħlimhu. Xi wħud minn nies ta' żmienu lil Kristu sejħulu "profeta" (Mt.16,14ġ 21,11,46, Mk.6,15ġ Lk.7,16,39ġ 24,19ġ Ġw.4,19ġ 9,17) "Fi żminijietna t-titlu profeta' sar moda għal darba oħra, għal ħafna nies li huma inċerti jekk huma jistgħux jaċċettaw titli oħra għalih" (għal Kristu, bħal ma' hu dak ta' "Feddej" u ta' "Iben t'Alla") (*John Toy, Jesus, Man for God, page 90*).

## Kristu Profeta

Kristu ħabbar minn qabel, ħafna ġrajjiet li kellhom jitwettqu mal-mixja tas-snin, u imbagħad twettqu tabilħaqq, għad li ebda bniedem bil-ħila umana tiegħu biss ma setgħa jobsorhom.

◊ Rigward dwaru nnifsu Ġesu` ħabbar minn qabel il-passjoni u l-mewt tiegħu, r-riżurrezzjoni u t-tlugħ tiegħu fis-sema: "Kif Mose, refa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-Bniedem, biex kull min jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem" (Ġw.3,14) "Bin il-Bniedem, se jingħata f'idejn il-qassissin il-kbar, u l-kittieba u dawn jaqtgħuhielu għall-mewt, jerħuh f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih, u jagħtuh is-swat u jsallbuh u fit-tielet jum iqum" (Mt.20,18).



◊ Ġesu` għamel ukoll profeżiji rigward id-dixxipli tiegħu. Ġesu` ħabbar minn qabel li Ġuda kellu jittradih, Pietru kellu jiċħdu, u li l-appostli l-oħra kellhom jabbandunawħ u jħalluħ waħdu. Ġesu` stqarr bil-miftuħ: "Tassew, tassew ngħidilkom li wieħed minnkom se jittradini" (Ġw.13,21) lil Pietru, Ġesu`, "qallu "Tassew ngħidlek, li llum, qabel ma jidden is-serduk, int tkun diġa ċħadtni tliet darbiet" (Mt. 26,34)ġ Ġesu` qalilhom: "Ilkoll kemm intom se titħawdu minħabba fija, f'dan il-lejl, għax hemm miktub, "Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ tal-merħla jitferrxu" (Mt. 26.31).

◊ Dwar il-Knisja tiegħu, Ġesu` ipprofetizza li kellha tikber bħala żerriegħa tal-mustarda u ssir siġra kbira (Mt.13,31), kellha issib min jobgħodha u jippersegwitaha u li "s-setgħat ta' l-infern ma jegħelbuhiex" (Mt.16,18).

◊ Fuq Ġerusalem u fuq il-Lhud, Kristu għandu profeziji partikulari: "Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-egħdewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħalquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħaġ u jġarrfu lilek u lil uliedek fik u ma jħallulekx ġebla fuq oħra" (Lq.19,43-44).

It-twettiq ta' dawn il-profeziji huma prova oħra li t-tagħlim ta' Kristu hu tagħlim divin u bla żball, għax huwa tagħlim ikkonfermat minn Alla b'sinjali mis-Sema.

*(jissokta fil-ħarġa li jmiss)*

# ĠORĠ PISANI

## - il-Poeta Għawdxi li għadu ħaj f'qalb l-Għawdxin

***B'tifkira ta' għeluq l-ewwel sena mit-twaqqif tal-mafkar monumentali lil Ġorġ Pisani, id-direzzjoni ta' "Il-Ħajja f'Għawdex" talbet lin-Nutar Dr. Paul Ġorġ Pisani, iben il-poeta, biex jagħtina xi tagħrif bijografiku.***

### *It-Tfulija.*

Ġorġ Pisani twieled ir-Rabat, Għawdex fis-6 ta' Mejju 1909, minn Pawlu, Għawdxi u negozjant ta' l-inbid u Teresa nee' Calleja, Maltija, li kienet tgħix Għawdex flimkien mal-familja tagħha. Għex it-tfulija tiegħu f'dar kbira fi Triq it-Tiġrija, illum magħrufa bħala Triq ir-Repubblika, li hija tista' tgħid l-arterja prinċipali tal-gżira. Fi żmienu it-toroq kienu *playground* għat-tfal u Triq it-Tiġrija ma' kenitx eċċezzjoni. Ma kienx hemm it-traffiku tal-lum! Interessanti l-fatt li fir-rumanz tiegħu "Beraq u Qawsalli" (1976), Pisani jsemmi l-wasla ta' l-ewwel karozza tan-nar f'Għawdex, fatt li huwa kellu x-xorti li jara b'għajnejh stess. Rigward il-logħob tat-tfulija, missieri kien iħobb isemmi li l-aktar logħba li kienu jieħdu pjaċir biha kienu li jilgħabu "tal-knisja" u għaldaqstant kienu jimitaw id-diversi purċissjonijiet li kienu jgħaddu f'dawk iż-żmenijiet minn Triq it-Tiġrija. F'dar faċċata tad-dar ta' Pisani kien hemm dar oħra li kellha l-art miksija bl-injam. Fuq dan il-palk improviżat, Pisani kien jidderieġi wkoll xi dramm ivvintat dak il-ħin stess, u l-povri "atturi" tiegħu kienu mistennija jitgħallmu l-battuti tagħhom dak il-ħin stess, kif joħorġu mill-immaġinazzjoni fertili tiegħu!

Bieb ma' bieb ma' Pisani kienet toqgħod il-familja ta' zitu, oħt ommu u tewmija magħha, Eliża miżżewġa lil Dottor Nicolo` Tabone. Il-ħitan tal-ġonna tad-dar tagħhom kienu baxxi ħafna u għalhekk it-tfal kienu jaqbżu l-ħitan u jmorru jilgħabu għand xulxin. Wieħed mill-kumpanni tal-logħob ta' Pisani kien kuġinuh, Ċensinu Tabone, li eventwalment laħaq President tar-Repubblika ta' Malta.

### Is-Sejħa Reliġjuża.

Fl-adoloxxenza, Pisani ħass is-sejħa reliġjuża u beda n-novizzjat mal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini. Fl-Ordni Franġiskan, Pisani kellu l-isem ta' Fra Alipju. Hemmek huwa għamel studji avvanzati fil-letteratura klassika u t-teoloġija. Kien f'dan iż-żmien li huwa beda jikteb poeżiji bil-Malti fir-rivista tal-Franġiskani Kapuċċini "L-Immakulata". Iżda dan ma' kienx l-ewwel attentat għall-kitba tal-poeżija ta' Pisani. Huwa stess jistqarr li l-ewwel attentat ta' poeżija tiegħu kienet "sunett" tal-festa fl-okkażjoni tal-festa ta' l-Assunta. Kien għamillu inkoraġġiment sabiex jikteb, il-mibki Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella, rumanzier, poeta, teologu u kittieb Għawdxi.

### It-Tagħlim u l-Ħidma fil-Gwerra

Wara li ħalla l-kunvent, Pisani beda l-karriera tiegħu ta' għalliem. F'dan iż-żmien huwa ikkolabora ma' E.B. Vella fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jingabar materjal didattiku għat-*text books* tal-Malti "Ġabra ta' Ward" li ġew stampati fl-*Oxford University Press* fl-1930. Pisani nħatar l-ewwel surmast tal-Malti fil-Liċeo t'Għawdex fl-1935. Kien f'dan l-istess żmien li Ġorġ Pisani introduċa l-istudju tal-Malti fis-Seminarju t'Għawdex u fl-1936 introduċa t-tagħlim tal-Malti lill-għalliema li kienu qegħdin jattendu l-*Post Certificate Course*.

Fl-eqqel ġranet tal-gwerra, fl-1940 kien imsejjaħ Malta sabiex jaħdem fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni. Hemmek huwa ħadem bħala traduttur u ko-editur tal-ħarġa Maltija ta' l-*Information Service Bullettin.* Din il-ħidma ġiet imsemmija mill-kittieb Ingliż Francis Gerard fil-ktieb tiegħu *Malta Magnificent,* stampat f'Londra fl-1943. Matul dan iż-żmien, Pisani għallem ukoll it-Taljan u l-Malti fl-iskola sekondarja tal-bniet fil-Belt Valletta u introduċa l-istudju tal-Malti lill-istudentessi tal-Kunvent tas-*Sacred Heart* f'San Ġiljan.

Fl-1942 kien maħtur *Assistant Information Officer* għal Għawdex. Huwa fetaħ *Information Bureau* kważi fl-irħula kollha t'Għawdex. Kien fi żmien il-gwerra li Pisani kellu sehem kbir fil-ġabra tal-qamħ mingħand il-bdiewa Għawdxin, meta il-provvisti ta' l-ikel f'pajjiżna kienu qabdu t-triq tan-niżla u pajjiżna kien ser iċedi lill-għadu. Bil-kelma ħerqana u konvinċenti tiegħu f'*meetings* imsejħa għal t'apposta fil-pjazzez ta' l-irħula t'Għawdex, Pisani rnexxielu jipperswadi lill-bdiewa jċedu l-qamħ prezzjuż tagħhom lill-Gvern sabiex tiġi evitata disfatta nazzjonali. Dan kollu Pisani fakkru fil-ktejjeb "Il-Ġabra tal-Qamħ" (1945).





## Ħidma fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni wara l-Gwerra

Wara tmiem il-gwerra, Pisani reġa' beda t-tagħlim tal-Malti, Reliġjon, Storja u Latin fil-Liċeo t'Għawdex u baqa' jaħdem ukoll fid-Dipartment ta' l-Informazzjoni. Huma ħafna dawk li għadhom jiftakru l-*filmshows* li huwa kien jorganizza wara nżul ix-xemx fil-pjazzez t'Għawdex sabiex jeduka l-poplu u jżommu aġġornat dwar il-ġrajjiet kurrenti. Fil-Banca Giuratale fir-Rabat, Għawdex, fetaħ uffiċċju ċentrali b'kamra għall-qari attrezzata ħafna fejn wieħed kien isib jaqra ġurnali, rivisti u kotba dwar suġġetti varji. Fuq inizjattiva tiegħu wkoll kienu stallati l-*loudspeakers* tar-Rediffusion fil-pjazzez t'Għawdex mnejn il-poplu kien jisma' l-aħbarijiet u l-avviżi tal-Gvern. Pisani kien ukoll wieħed mill-pijunieri tax-xandir f'Għawdex. Huwa kien introduċa sistema ta' xandir minn Għawdex għal Għawdex permezz ta' sistema rudimentali li kienet taħdem bil-linji tat-telephone u kien wieħed mill-pijunieri tal-programm t'Għawdex fuq ir-radju nazzjonali, liema programm għadu jixxandar sal-lum.

F'dan iż-żmien id-Dipartiment ta' l-Informazzjoni kellu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu wkoll it-turiżmu. Ġorġ Pisani wettaq ħidma sfieqa f'dan il-qasam billi rewwaħ fuq ix-xrar tat-turiżmu li kien qiegħed jaqbad bil-mod wara l-gwerra. Huwa dawwar personalment ma' Għawdex bosta personalitajiet importanti u aġenti ta' l-ivvjaġġar li kienu qegħdin jiskopru lill-Għawdex. Mill-uffiċċju tiegħu, Pisani laqa' lit-turist f'Għawdex, ipprovdielu mapep u materjal ieħor stampat ta' informazzjoni, kif ukoll kull għajnuna li t-turist kien jeħtieġ f'dawk iż-żmenijiet meta ma kienx hawn l-istrutturi turistiċi li hawn llum.

## Awtur Prolifiku

Il-kitba tal-poeżija u l-proża ta' Ġorġ Pisani malajr ġibdet l-attenzjoni ta' l-istudjużi Maltin ta' dik il-ħabta, fosthom Dun Karm, Sir Temi Zammit, il-Professur Monsinjur Pietru Pawl Saydon, u l-Professur Patri Anastasju Cuschieri O.C. Fl-1946, ismu kien diġa' jidher fl-"*Encyclopaedia of Literature*" ippubblikata dik is-sena fi New York.

Ġorġ Pisani ippubblika tmien kotba ta' poeżiji, l-aktar magħrufa huma bla dubju "L-Għid taż-Żgħożija" (1945), "Il-Waltz tad-Dellijiet" (1951), "Melodiji u Kuluri" (1953), u "It-Trijonf tal-Paċi u Poeżiji Oħra" (1984). Wara mewtu, fis-sena 2000, il-Professur Oliver Friggieri stampa antoloġija mill-kotba kollha ta' Pisani bl-isem "Ġorġ Pisani - Poeżiji". Id-drammi ippubblikati huma sitta: "Il-Ġabra tal-Qamħ" (1945); "Is-Sengħa ta' l-Imħabba" (1945); " L-Għanja tar-Rebbiegħa" (1947); "Il-Kewkba" (1949); "Apoteosi" (1978); u "Is-Sigriet ta' Suor Kristina" (1978). Ġorġ Pisani ippubblika wkoll ġabra waħda ta' novelli bl-isem "Għoxrin Novella" (1946) u ġabra ta' *essays* bl-isem "Evviva l-Ħajja!" (1963).

Ġorġ Pisani ħallilna wkoll żewġ rumanzi, wieħed bl-isem: "Beraq u Qawsalli" (1976) u ieħor bl-isem: "Żerniq fuq l-Għoljiet" (1982). Dawn it-tnejn inqraw diversi drabi minn Charles Arrigo fuq ir-radju nazzjonali u kull darba kellhom udjenza kbira li segwiethom. Pisani kien ukoll studjuż tal-folklor u l-istorja ta' pajjiżna. Huwa ippubblika żewġ ġabriet ta' leġġendi Għawdxin, l-ewwel waħda bl-isem: "Għawdex Joħlom fil-Leġġendi" (1980) u l-oħra bl-isem "Mill-Gżira tal-Ħolm" (1995). Wara mewtu, ġie ippubblikat "Id-Duwa tal-Maddalena" (2000), ġabra ta' tagħrif folkloristiku.







## Rispett

Ġorġ Pisani miet fl-24 ta' Frar 1999. Kemm kien rispettat f'ħajtu Ġorġ Pisani, wieħed seta' jarah fil-funeral tiegħu fil-Bażilika ta' San Ġorġ tar-Rabat, Għawdex. Fil-funeral tiegħu kkonċelebraw wieħed u sittin saċerdot u l-kongregazzjoni tmexxiet mill-E.T. il-President ta' Malta Dr. Ugo Mifsud Bonnici. Għaliha attenda wkoll il-Prim Ministru, l-Ispeaker tal-Kamra tar-Rappreżentanti, il-Ministru Għal Għawdex, membri parlamentari Għawdxin, is-Sindku tal-Belt Victoria, u bosta sindki oħra, il-Maġistratura Għawdxija, il-Kummissarju tal-Pulizija, u bosta Għawdxin u Maltin.

F'ħajtu Pisani rebaħ bosta konkorsi u premijiet letterarji, speċjalment dawk mnedija minn "Leħen il-Malti" u mill-"Pronostku Malti" bejn is-snin 1931 u 1935. Huwa ngħata l-premju governattiv "*Malta Literary Award*" fl-1977 għall-ewwel rumanz tiegħu "Beraq u Qawsalli" u fl-1983 għat-tieni rumanz tiegħu "Żerniq Fuq l-Għoljiet". Fl-1983 ingħata il-premju internazzjonali "*Citta' di Valletta*". Fl-1986 inħatar membru għal ħajtu ta' l-"Għaqda Poeti". Il-Gvern Malti onorah bil-"Midalja Għall-Qadi tar-Repubblika" fl-1992, filwaqt li l-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria onorah bl-unur "Ġieħ il-Belt Victoria" fl-1997.

## Mafkar f'ġieħ Ġorġ Pisani.

Nhar is-Sibt 23 ta' Ġunju 2001, il-President ta' Malta, l-E.T. Professur Guido de Marco, kixef mafkar fil-bronż ta' Pisani fi Triq Putirjal, ir-Rabat, Għawdex. Il-mafkar huwa xogħol l-artist Għawdxi, l-Kavallier Alfred Camilleri Cauchi u nħadem fil-bronż fil-funderija "Bonvicini" ta' Verona, l-Italja. Il-mafkar sar b'inizjattiva komuni tal-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria, Għawdex u l-Kumpless tal-Liceo "Ninu Cremona" tar-Rabat, Għawdex bl-għajnuna ta' bosta entitajiet, ditti u persuni privati. Għaċ-ċerimonja, minbarra l-President tar-Repubblika u s-Sinjura De Marco, attendew fost l-oħrajn il-Prim Ministru u s-Sinjura Fenech Adami, l-Ispeaker u s-Sinjura Tabone, il-Ministru għal Għawdex u s-Sur Debono, il-Kap ta' l-Oppożizzjoni, is-Sindku tal-Belt Victoria u s-Sinjura Cassar, Presidenti Emeriti, membri parlamentari, sindki, rappreżentanti ta' għaqdiet letterarji u ċiviċi, u ċittadini Għawdxin u Maltin. Waqt iċ -ċerimonja tal-ftuħ sar fost l-oħrajn diskors importanti ħafna mill-Professur Oliver Friggieri, Kap tad-Dipartiment tal-Malti fl-Universita' ta' Malta, li ddeskriva fost l-oħrajn l-element pożittiv fil-poeżija ta' Pisani is-sens ta' ferħ, anke meta l-poeta jinsab imnikket. Friggieri tkellem ukoll dwar il-patrijottiżmu fil-poeżija ta' Pisani, kif ukoll dwar ir-rispett li bħala poeta jixraqlu Pisani. Friggieri ikkonkluda li għalkemm il-poeta ma huwiex ta' xi benefiċċju ekonomiku speċjali lill-pajjiż, il-fatt li l-awtoritajiet kollha tal-pajjiż kienu preżenti juri kemm huwa grat il-pajjiż lejn Pisani u xogħolijietu. Diskorsi oħra saru minn Carmel Attard, il-president tal-kumitat organiżżattiv, mill-Ministru għal Għawdex, mis-Sindku tal-Belt Victoria u minn iben il-poeta. Il-President ta' Malta fakkar kif Ġorġ Pisani jista' jitqies bħala l-ewwel *guide book* t'Għawdex, ix-xogħolijiet tiegħu huma innu ta' tifħir lill-Għawdex u kienu strumentali sabiex Għawdex isir tant magħruf u maħbub mill-Maltin u mill-barranin. Il-mafkar tbierek mill-Isqof t'Għawdex, Monsinjur Nikol Ġuzeppi Cauchi. Matul is-serata nqraw ukoll xogħolijiet ta' Pisani u kien hemm ukoll kant mill-kor "Laudate Pueri". Qabel il-programm, il-Banda Ċittadina "La Stella" immarċjat mit-Teatru Astra għal Triq Putirjal filwaqt li l-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta immarċjat mill-Kumpless Ninu Cremona sa' Triq Putirjal. L-istess banda daqqet bċejjeċ mużikali waqt il-programm, li ngieb fi tmiemu bl-"Innu lill-Għawdex" miktub minn Pisani stess u mużikat mill-Professur Joseph Vella, u bl-Innu Nazzjonali. Dan il-mafkar huwa tislima kontinwa tal-Għawdxin lill-aqwa poeta tagħhom.

John Portelli Ent. Ltd.
IATA ACCREDITED AGENT
The Agent for all your Travel Needs!!
7, INDEPENDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 103, GOZO.
TEL: 56 12 12 - 56 12 13 FAX: 56 01 33
108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 10, MALTA.
TEL: 23 57 72 - 24 70 16 FAX: 24 75 36



# MARIO GALEA

*"Ta' L-Imberraq"*

**Sales of:** *Washing Machines, Cookers, Refrigerators, Gas Heaters, Air-Conditioners, other appliances and repairs*



"Sunset", Viani Street, Victoria, Gozo
Tel: 21 560254 Mob: 99 425062




Accent

DIESEL

from Lm 5850



HYUNDAI
BUILT WITH A PURPOSE

3 YEAR WARRANTY

**EUCHARIST MERCIECA AUTO LTD.**

- **VRT for Cars & Trucks**
- **Insurance Service & Travel**

**Tel: 2155 5610 - 2155 9977**
**Fax: 2155 7716** **Mob: 9949 6025 - 7949 6025**




© Anton F. Attard

# IL-BIEDJA F'GĦAWDEX

*(Is-Seba' Parti )*

***Illum se nkomplu t-tagħrif tagħna dwar il-biedja ta' l-imgħoddi billi nagħtukom iżjed informazzjoni dwar il-flus li kienu jużaw niesna ta' l-imgħoddi fil-ħajja ta' kull jum.***

### Flus tal-fidda

Ngħaddu issa għall-muniti tal-fidda. Meta ngħidu tal-*fidda* jfisser *fidda* ta' veru, u mhux tal-*cupro-nickel* bħal tal-lum.

Il-fidda kienet tibda min-*nofs ċinkwina* (ħabbtejn u nofs).

It-tieni munita kienet ***l-irbiegħi***, għoxrin ħabba. It-tielet kienet ***l-irbgħajjejn***, żewġt irbajja'.

Muniti oħra kienu: ***it-tliet irbajja', l-erba' rbajja', il-ħames irbajja', is-sitt irbajja'***, u ***t-tmien irbajja'***.

Il-***ħmistax-ir -rbiegħi*** kienet tissejjaħ ***nofs biċċa*** jew ***nofs uqija***.

***It-tletin ir-rbiegħi*** kienet tissejjaħ ***il-biċċa*** jew ***l-uqija***. Żewġ uqijat kienu jissejħu ***uqitejn***. Ħafna kienu jissejħu ***ewwieq***. Iżda kien hemm ukoll ***uqija tar-ram*** li kienet tiswa sittax-ir-rbiegħi. Il-kelma ***uqitejn*** għadha tintuża mill-bdiewa fl-espressjonijiet bħal "***ġbart uqitejn tagħha***", jew "***Is-sena l-oħra kont daħħalt uqitejn, imma dis-sena ma ġbart xejn***." Hawnhekk ***uqitejn*** tfisser xi ħaġa tal-flus.

Tal-fidda wkoll kien hawn l-***iskud***. Dan kien jiswa ***tnax-ir-rbiegħi*** jew ***tnax-il tari'***. L-iskud kien it-tielet munita li kienet tintuża fil-kontijiet, u fid-dokumenti nsibuh imsemmi bħala "***Scudo***" bil-plural "***Scudi***". Kien hawn ukoll iż-żewġ skudi, id-doppju ta' skud.
Bħalma wieħed jista' jinnota, ċerti muniti kienu kemm tar-ram kif ukoll tal-fidda.
Fuq l-irċevuti u l-kotba tal-kontijiet il-flus kienu jidhru biss taħt tliet kolonni: ***Scudi, tari'*** u ***grani***; ***Skudi, rbajja'*** u ***ħbub***.

### Flus tad-deheb

Fl-aħħar kien hawn il-flus tad-deheb. Imma dawn ma kinux daqstant komuni.

L-ewwel munita tad-deheb kienet ***iz-zekkin***. Kienet tiswa ***erba' skudi*** u ***tliet ewwieq***; u ġieli kienet tissejjaħ ukoll ***dukat***.

Munita oħra tad-deheb kienet dik taż-***żewġ zekkini*** li kienet tissejjaħ ukoll ***dobla ta' Malta***.

Il-munita ta' ***erba' zekkini*** kienet tissejjaħ ***dobla ta' erbgħa.***

Kien hawn ukoll il-***għaxar zekkini*** u t-***tnax-il zekkin***. Niġu issa għall-iskudi tad-deheb.

L-ewwel munita kienet dik tal-***ħames skudi***, imsejħa wkoll ***nofs Lwiġi ta' Malta*** (***Lwiġi*** isem irjali u ma kellux x'jaqsam mal-Kavalieri).

Il-***għaxar skudi*** kienu munita li kienet tissejjaħ ***Lwiġi ta' Malta***.

U l-akbar munita kienet tiswa għoxrin ***zekkin*** u kienet tissejjaħ ***Lwiġi doppju ta' Malta***.

Issa hawn tajjeb jingħad li fl-idejn qatt ma kien hawn dawn il-muniti kollha. Kien hawn ħafna muniti differenti għax kull Gran Mastru kien joħroġ muniti differenti u mhux bilfors bħal dawk li kien ikun hemm fiċ-ċirkulazzjoni. Xi muniti żgħar jew rari ma kinux jibqgħu għal dejjem fiċ-ċirkulazzjoni, u kienu jispiċċaw biż-żmien.

Bħalma diġa' għidna, il-kontijiet kienu jsiru bl-iskudi (Scudi), bl-irbajja', (tari') u bil-ħbub (grani), jiġifieri fuq tliet kolonni biss.

### Il-Flus Ingliżi

Il-flus Ingliżi kienu bbażati fuq il-Liri (£), ix-xelini (s.) u s-soldi (d.). L-abbrevjazzjoni ta' £.s.d għall-kelmiet bil-Latin: ***Librae, solidi, denari.***

Il-muniti li kien hawn fiċ-ċirkolazzjoni kienu dawn:

## Flus tar-ram

***Il-ħabba***, li damet toħroġ sa l-1913. Bl-Ingliż kienet tissejjaħ *one third farthing*. ***Tnax-il ħabba*** kienu jagħmlu ***sold***. Bl-Ingliż kien jissejjaħ *penny*.

Muniti oħra kienu dawn: ***it-tliet ħabbiet, is-sitt ħabbiet, it-tliet soldi***. Bl-Ingliż kienu jissejħu *one farthing*, *halfpenny* u *three pence*.

Ma kien hemm munita ta' ***żewġ soldi***, imma dawn kienu jissejħu ***ġis-soldi***.

***Flus tal-fidda*** (sa l-1920, meta l-kontenut ta' fidda tnaqqas), u wara l-1927 saru tal-***cupro-nickel***.

It-***tliet soldi*** (rari), is-***sitt soldi*** (imsejħa ***sixpence*** jew ***sikspenz, ix-xelin***.

***Xelin*** kien fih ***tnax-il sold***.

***240 sold*** kienu jagħmlu ***Lira.***

***Għoxrin xelin*** kienu jagħmlu ***Lira***.

Bħala muniti tal-fidda kien hawn ukoll ***iż-żewġ xelini***, imsejħa ***ġix xelini*** jew ***fjorin*** (Florin - *two shillings* jew *florin*), ħafna kienu jissejħu ***ġix-xelinijat***, il-***half a crown*** jew ***żewġ xelini u nofs***, il-***ħames xelin*** (bl-Ingliż *crown*, imma rari).

## Flus tad-deheb

Muniti tad-deheb kien hawn in-nofs ***Lira*** u l-***Lira***. Fl-aħħar il-muniti tad-deheb ma baqgħux jidhru għax ħarġu l-flus tal-karti.

## Flus Ingliżi b'ismijiet qodma.

Il-kliem ***ħabba*** u ***ħabbiet*** baqgħu jintużaw għall-partijiet tas-***sold***.

Mela, *one grain* jew *one third farthing* kienet tissejjaħ ***ħabba***, ***one farthing*** kienet tissejjaħ ***tliet ħabbiet*** (jew ***tlieta, tlitiet***); half penny kienet tissejjaħ ***sitt ħabbiet*** (jew ***sitta, sittiet***).

***Żewġ soldi u nofs,*** jew ***żewġ soldi u sitt ħabbiet (ġis-soldi u nofs)*** kienu jissejħu ***tliet karlnijiet***.

***Ħames soldi*** kienu jissejħu ***tlitt irbajja'***, u ***għaxar soldi, sitt irbajja'***. ***Xelin u tliet soldi*** kienu jiġu ***disa' rbajja'***. Il-kelmiet disa' rbajja' kienu popolari ħafna.

***2s. 6d. (żewġ xelini u sitt soldi)*** kienu jissejħu ***tmintax-ir-rbiegħi***; u żewġ muniti bħal din kienu jissejħu żewġ ***tmintax-ir-rbgħijat***.

***ls 8d. (xelin u tmien soldi)*** kienu jissejħu ***skud***. L-iskud kien l-aktar ammont popolari fost il-bdiewa. Dawn ma kinux jitkellmu u jagħmlu l-kont bil-liri u x-xelini, imma bl-iskudi jew skuti.

***12-il skud*** kienu jagħmlu lira; ***9 skudi, ħmistax-il xelin***; ***6 skudi, nofs lira***, u ***3 skudi, ħames xelini.***

## L-Iżmna u x-Xogħol tal-Biedja

***Is-Sena tal-Biedja*** tibda fis-16 ta' Awissu u tispiċċa fil-15 ta' Awissu, il-Festa ta' Santa Marija Assunta, meta l-bidwi jmur iħallas il-***qbiela*** tar-raba' mqabbel lilu jew mingħand in-nobbli, sidien oħra, il-Gvern jew il-Knisja. Dari ***l-qbiela***, jiġifieri l-***kera*** ta' l-art, kienet titħallas b'lura. Daż-żmien issib każi fejn il-ħlas jintalab bil-quddiem. Ir-***raba' mqabbel*** jista' jittieħed lura mingħand il-bidwi mis-sid wara l-festa ta' Santa Marija, skond il-liġi b'avviż ta' tliet xhur, li allura l-avviż irid jasal għand il-bidwi fil-bidu ta' Mejju. Il-qbiela ***minn sena għal sena*** tar-raba' tal-Gvern titħallas l-aktar fi tliet darbiet: fil-Milied, fil-Għid il-Kbir u f'Santa Marija, u titħallas ***b'lura***.

Is-sena tal-bidwi titqassam f'***iżmna*** differenti, u skond iż-żmien il-bidwi jaħdem. L-***istaġuni*** huma iżmna differenti.

L-aktar żewġ ***iżmna*** importanti huma is-***sajf*** u x-***xitwa***. U dawn ifissru ***żmien in-nixfa*** u ***żmien ix-xita***. Għalhekk is-sajf hu ***żmien it-tisqija***. Is-sajf ukoll hu ***żmien il-ġbir*** taż-żara' fuq il-qiegħa u l-ġbir tal-frott. Illum iż-żara' jingabar bil-magni. Il-ġbir tal-ħarrub wara Santa Marija jissejjaħ ***ħrit il-ħarrub*** u jrid isir qabel ma tagħmel ix-xita'. Għalhekk aktarx kien isir f'Santa Liena (18 ta' Awissu), u jissejjaħ ***ħarrub ta' Santa Liena.***

Ix-xitwa hija ż-żmien meta l-uċuħ jissaqqew bix-xita



u jikbru, u meta l-bidwi *jaqta'* jew *ilaqqat* il-ħaxix għall-bhejjem tiegħu. Ix-xitwa wkoll hija ***żmien iż-żabra*** tas-siġar tal-frott u tad-dwieli. F'Jannar ***jinħasad*** il-qasab biex jinħadem.

Fix-xhur ta' Frar u Marzu ikollna ***l-irċuħ*** jew kesħa kbira; mela l-irċuħ jaħbat f'dawn ix-xahrejn.

Iż-żewġ iżmna l-oħra wkoll huma importanti, għalkemm b'mod inqas ċar. ***Ir-rebbiegħa*** hu żmien ***ħruġ Marzu u dħul April***, meta x-xita tkun tiswa d-deheb u l-bidwi jkollu ħafna wċuħ jistennew ix-xita. Dawn ukoll jilħqu u jinġabru fir-rebbiegħa: ful, piżelli, ġulbiena, żofżfa, patata, qara' bagħli. Ir-rebbiegħa hija wkoll ***żmien il-ħsad tas-silla*** u ***taż-żara'***. Fir-rebbiegħa ***tinqala'*** l-patata hekk imsejħa ***"tar-rebbiegħa"*** u li ħafna minnha tiġi esportata. Fir-rebbiegħa jitwieldu ***l-ħrief u gidjien imwaħħrin***.

***Il-ħarifa*** hija ***żmien il-ħart u ż-żrigħ***, iż-żmien meta jinġabar il-frott ***imwaħħar***, iż-żebbuġ, u jinfetaħ l-inbid. Fil-ħarifa jitwieldu l-ħrief u l-gidjien ***bikrin*** u dari l-bidwi kien jibda ***jagħmel il-ġbejniet*** u ***l-ġobon tan-nar***. Il-ħalib għall-ġbejniet jinkiseb ***fix-xhur ta' l-erre***: Settembru, Ottubru, Novembru, Diċembru, Jannar, Frar, Marzu, April. Ix-xhur ta' bla erre m'humiex żmien tajjeb: Mejju, ġunju, Lulju, Awissu, għax f'dan iż-żmien il-bhejjem ikunu jistrieħu biex jitgħammru mill-ġdid.

Għandna wkoll ***żmien il-bard u ksieħ*** f'Jannar u Frar, ***żmien ir-riħ***, aktarx fix-xhur ta' April u Mejju, u ***żmien il-klami*** jew ***żmien il-għomma*** fix-xhur ta' Lulju u Awissu.

## Ix-Xhur tas-Sena u l-Biedja

Għall-bdiewa x-xhur tas-sena għandhom l-isem ta' l-akbar festa li taħbat fix-xahar partikulari. Jannar - ix-xahar ta' l-istrina; Frar - ix-xahar ta' San Pawl jew tal-Kandlora; Marzu - ix-xahar ta' San Ġużepp jew tal-Lunzjata; April - ix-xahar tal-Għid il-Kbir; Mejju - ix-xahar tal-Madonna; Ġunju - ix-xahar tal-Qalb ta' Ġesu', ta' San Ġwann, jew ta' l-Imnarja; Lulju - ix-xahar tal-Karmnu; Awissu - ix-xahar ta' Santa Marija; Settembru - ix-xahar tal-Vitorja; Ottubru - ix-xahar tar-Rużarju; Novembru - ix-xahar tal-Qaddisin Kollha jew ta' l-Erwieħ; Diċembru - ix-xahar tal-Milied.

## Il-Festi u l-Biedja

Il-Festi tal-Qaddisin kellhom ukoll importanza kbira għall bdiewa tagħna fil-kalendarju tal-biedja. Qabel xejn irridu ngħidu li fl-antik kien hemm kwantita' kbira ta' ***festi kkmandati***. Minbarra l-jiem tax-xita, dawn il-festi kkmandati kienu, biex ngħidu hekk, il-jiem ta' vaganza għall-bdiewa ta' dari. Avolja, f'ċerti każi, il-Knisja kienet tagħti permess jew dispensa speċjali biex ċertu xogħol isir fil-ħdud u l-Festi kkmandati. Bħalissa qiegħed jiġi f'moħħi ***x-xogħol tat-tidrija***. Meta kienet tqum żiffa tajba, il-bdiewa tagħna kienu jingħataw il-permess biex jaħdmu u ***jderru l-qiegħa*** anki nhar ta' ħadd u nhar ta' Festa għax skond il-qawl: ***Riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa***. Dan għax ir-riħ jekk jieqaf jista' jdum ħafna ma jerġa' jqum u x-xogħol tal-qiegħa jintafa' lura.

**Korrezzjonijiet**

Fl-aħħar puntata dehru xi żbalji tal-computer minħabba l-qlib ta' l-ittri bil-Malti minn sistema għal oħra:

a) bi żbula apposta msejħin *swiegel*; trid tiġi: bi **ħbula** apposta msejħin *swiegel*.
b) xkejjer tal-ħuta; trid tiġi xkejjer tal-**ġuta**.
c) Il-żifla jew it-talja; trid tiġi l-**ġifla** jew it-talja.



**LANTERN**
**Guest House**
**Restaurant • Pizzeria**
MARSALFORN - GOZO

Tel: 562365 • Fax: 556285
Mobile: 09877648 / 09883028
Residence: Tel: 554186
E-mail: romx@vol.net.mt

SEA VIEW
APARTMENTS
ALSO AVAILABLE

Links Travel
*Your link to the world!*

*Organisers for Group Tours, Honeymoons, and all other types of Worldwide Travel*

47, Republic Street, Victoria, Gozo VCT 103, Malta.
***Tel:*** 356 2156 0180, 356 2155 6476
***Mob:*** 9949 5700 ***Fax:*** 356 2156 0181
***Email:*** travel@linksmalta.com
***Web:*** www.linksmalta.com

**Xerri l-Bukkett**



***Bar***
***Restaurant*** ***Pizzeria***
*Dine while enjoying the best view in the Maltese islands*
Triq iz-Zewwieqa Qala
Tel. **553500**



**GELAT TA' VERU...**
**...DOQTU???**
**BAXAN ORIGINAL**

**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
IL-MENQA - MARSALFORN - GOZO
TEL: 551005 - 551983 FAX: 559959

**TEKNO ZONE**

T.V.'s, Hi Fi Systems, Mobile Phones & Accessories, Cordless Phones, Car Audio & much more.

Call Peter & Maureen Mercieca

Fortunato Mizzi Street, Victoria, Gozo, Malta.
Tel/Fax: 21565304 Mobile: 09491809 / 09854176
e-mail: teknozon@maltanet.net



***IL TERRAZZO***
**Bar & Restaurant**
***• St. Simon Street, Xlendi, Gozo •***

Host: **Joseph Mercieca**
Tel: 562992, 556594 • Mobile: 0944 6833 • Pager: 357 4242
E-Mail: www.terrazzo@waldonet.net.mt
Web Site: www.gozo.com/terrazzo

**FUQ L-INTERNET**

**RADJU R.T.K. - 103 / 97.8 FM Stereo**
**http://www.rtk.org.mt**

**IL-ĦAJJA F'GĦAWDEX**
**http://www.gozodirect.com/lumenchristi**




# IL-MUŻEW TA' L-ISTORJA NATURALI

## (It-Tmien Parti)

### IL-MINERALI

Il-kelma minerali tfisser it-terminu ġenerali għal kull sustanza fir-renju tal-minerali - is-saltna tan-natura li tinkludi dak kollu li huwa bla ħajja. Il-minerali veri huma dawk is-sustanzi li ma jiġux direttament minn xi ħaġa ħajja u li l-kompożozzjoni tagħhom hija mfissra fiċ-ċar biżżejjed bħala formula kemikali. Nieħdu bħala eżempji : id-djamanti, l-ħadid, il-majka u l-kwarzu. L-istudju tal-minerali veri jissejjaħ Mineroloġija.

Xi sustanzi fir-renju tal-minerali, ngħidu aħna : l-asfalt, il-ġibs, il-faħam u l-pitrolju, ma nsibux fihom kompożizzjoni kemikali definita w allura ma jistgħux jissejħu minerali veri għalkemm ta' spiss insibuhom mniżżla mal-minerali veri taħt Riżorsi Minerali. Insibu wkoll l-perla li ma hijiex minerali veru, għax din tiġi maħluqa minn xi ħaġa li tgħix.

### Il-Minerali lokali

Imma, bħalma nafu, l-gżejjer tagħna joffru biss blat sedimentarju, li veru li f'ħafna mill-każi huwa l-bażi għall-formazzjoni ta' minerali oħra prezzjużi u mill-aktar imfittxija, imma l-kundizzjonijiet fil-Gżejjer Maltin m'humiex idejali . Għalhekk il-minerali li niltaqgħu magħhom f'dawn il-gżejjer huma xi ftit fqar.

1. Il-Perla tal-Għar: hija forma ta' għenieqed ta' perli tal-kalċju midmuma flimkien.
2. Is-Selenit: jikkonsisti f'sulfat tal-ġir magħmul fi qxur tal-mika rqiq trasparenti.
3. L-Istalagmiti u l-Istalaktiti li diġa tkellimna fuqhom fil-ħarġa numru 833 taħt l-istess isem fis-sessjoni tal-ġeoloġija.
4. Karbonat tal-Ġir f'forma ta' kristalli (*calcite*), dan ġie li jkun fih kulur fil-kannella liema kulur jkun ġie mill-ħadid.
5. Imbagħad insibu wkoll dik li hija magħrufa bħala il-Warda tad-Deżert, din hija magħmula min ħafna folji tal-kristall tal-ġir magħqudin flimkien f'din il-forma.

### Minerali oħra

Fil-Mużew tax-Xjenzi Naturali nsibu kollezzjoni ta' minerali li ma jinstabux hawn Malta, u dan sar biex wieħed jsir jaf kif jiġu misjuba xi minerali li huma meqjusa bħala prezzjużi bħall-iżmeraldi, ir-rubini u d-djamanti, it-turkina, l-ambra, it-topazju, l-opal, iż-żirkun u l-ġada u bosta oħrajn li l-bniedem juża' bħala ġojjellerija. Imbagħad hemm il-minerali l-oħrajn li huma metalliċi bħad-deheb, il-fidda, ir-ram u l-ħadid, li l-bniedem juża għal-mitt ħaġa. Dawn, bħalma diġà semmejna , kollha jinsabu fil-blat metamorfiku.

### Il-Blat Metamorfiku

Il-blat metaforfiku huwa dak it-tip ta' blat li jifforma ruħu meta materjal magħmul mill-blat jgħaddi minn proċess ta' shana tremenda taħt pressjoni qawwija fil-qoxra tad-dinja. Il-blat metamorfiku jifforma wieħed mit-tliet gruppi ta' blat li nsibu fid-dinja. Iż-żewġ gruppi l-oħra huma l-blat ignew (tan-nar) li jifforma meta l-magma jew il-lava maħlula toqgħod u tagħqad, u l-blat sedimentarju li jifforma meta l-irjieħ jew l-ilmijiet jiddepożitaw dak kollu li jsibu f'imniezell li mbagħad dawn jgħaqdu flimkien. Bil-proċess metamorfiku, kemm il-blat ignew kif ukoll dak sedimentarju jistgħu

jinbidlu fi blat metamorfiku, u blat metamorfiku jista' jinbidel f'tip ieħor ta' blat metamorfiku. Is-sħana u l-pressjoni ma jibdlux l-istruttura kemikali tal-blata oriġinali, imma jibdlu l-istruttura minerali u l-proprjetajiet fiżiċi tal-blata. Meta l-ġeoloġisti jistudjaw il-kompożizzjoni u minn x'hiex tkun magħmula l-blata metamorfika jkunu jistgħu jgħidu minn x'hiex kienet komposta l-blata fl-oriġini tagħha.

## L-AMBJENT LI JDAWWARNA

Issa ser naqilbu s-suġġett kompletament u nitilgħu fuq wiċċ l-art biex nimirħu madwarna, 'l barra mill-belt jew raħal li fih ngħixu biex ninnutaw id-diversi aspetti ambjentali li għadhom, sa kemm inħalluhom, isebbħu l-ftit ftuħ li joffru l-gżejjer tagħna. Teżisti ħtieġa kbira li nħossuna konxji ta' dan l-ambjent li jimlielna l-pulmuni b'dik l-arja tajba li tant għandna bżonn.

### Il-Bosk

Il-bażi tal-veġetazzjoni f'bosk insibuha fis-siġar tal-ballut u taż-żnuber. Fil-gżejjer maltin wieħed jista' jgħid li dan l-ambjent naturali m'għadux jeżisti. Dan ġara minħabba l-fatt li l-gżejjer tagħna huma żgħar ħafna u hekk kif rifes l-ewwel bniedem fuq dawn l-iskolli mill-bidu beda jnaqqar għall-użu tiegħu mill-boskijiet li kienu jeżistu. U l-Malti jgħid: tieħu bla ma trodd is-swar tħott. L-irqajja li fihom għadek tilmaħ is-siġar tal-ballut huma l-unika ħjiel li dan l-ambjent naturali xi darba kien jeżisti.

L-uniku post f'Malta li jista' jissejjaħ bosk huwa l-Buskett. Ħafna mis-siġar li nsibu fil-Buskett ġew imħawlin mill-bniedem u biż-żmien dan beda jikber f'bosk semi-naturali. Fih insibu l-aktar siġar taż-żnuber, tal-ballut, taż-żebbuġ u tal-ħarrub. Jinsabu fih ukoll siġar iżgħar bħalma huma d-Deru, id-Deru tal-Mediterran u ż-żagħrun. Hemm ukoll ħafna tipi oħra ta' siġar u pjanti.



### Il-Makkja

Wara l-ambjent tal-Bosk insibu l-Makkja li fih naraw l-aktar siġar żgħar u pjanti. Dawn huma l-Ħarrub, Iż-żebbuġ, id-Deru, l-Alaternu u r-Rand flimkien ma' siġar u pjanti oħra li jixxabtu bħall-Pajżana, l-Għalliq, l-Ispraġ Xewwieki, ir-Robbja Salvaġġa, il-Liedna u s-Sarsaparilla. Insibu wkoll pjanti erbaċji bħall-Ħannewija u l-Garni. Dan it-tip ta' ambjent jinsab l-aktar fuq il-ġnub u l-qigħan tal-widien u fl-irdumijiet taħt is-sisien.

### L-Isteppa

L-Isteppa huwa mferrex madwar il-Gżejjer Maltin kollha. F'dan l-ambjent insibu ħafna tipi ta' pjanti u ħxejjex li huma ġejjin mill-familji tal-*Poaceae* (Qamħ), l-*Apiaceae* (zunnarija) u l-*Fabaceae* (Fażola) flimkien ma' pjanti oħra tal-Basal tal-Għansar u tal-Berwieq. L-Isteppa, fil-fatt, fil-bidu kien Makkja jew Xagħri li għal xi raġuni jew oħra ġie distrutt. Huma bosta r-raġunijiet li minħabba fihom seta' seħħ dan, bħal ngħidu aħna, nirien u anke mill-mergħat tal-annimali. Insibu wkoll tipi oħra ta' Steppa li x'uħud minnhom huma naturali u kkawżati mill-klima, bħall-Isteppa tal-Blat. Dan jikkonsisti minn xagħri mingħajr arbuxelli u bħall-Isteppa li nsibu fi żrieżaq taflin.

### Ix-Xagħri

Ix-Xagħri huwa ambjent li jiżviluppa l-iżjed fejn ikun hemm wesgħat u pjanuri ta' blat tal-qawwi b'ħafna xquq u qsim. Hawnhekk jikbru arbuxelli baxxi u folti u spiss ikunu aromatiċi bħas-Sagħtar, l-Erika, iż-żebbuġija, it-Te' Sqalli u t-Tengħud tax-Xagħri. Hawn bosta tipi ta' xagħri, u kull tip għandu xi speċi ta' pjanti li jiddominaw aktar minn oħrajn.

### Is-Sisien u l-Irdumijet

Is-Sisien u l-Irdumijet joffru kenn lil ħafna speċi ta' flora u fawna. Matul ix-xatt tan-nofs-in-nhar u tal-punent tal-gżejjer hemm din it-tip ta' ekosistema, fejn jikbru numru ta' pjanti nteressanti, uħud minnhom endemiċi bħall- Widnet il-Baħar (il-pjanta nazzjonali) u l-Bjanka ta' l-Irdum.



### L-Għaram tar-Ramel

Kemm xejn 'l ġewwa mill-ftit xtajtiet imramla li għandna nsibu l-hekk imsejħa Għaram tar-Ramel. Huwa fatt magħruf li minn dawn ma baqax ħafna u l-ftit li baqa' qed jissieltu għall-eżistenza tagħhom. L-akbar għadu tagħhom huwa l-bniedem. Il-ħasra hi li f'dan l-ambjent naturali nsibu tipi ta' pjanti w annimali li ma ssibhom f'ebda ambjent ieħor.

## Madre Margerita De Brincat - 6



Madre Margerita ma' grupp ta' sorijiet li kienet edukat, fil-belt Valletta

# Edukatriċi

**jikteb Angelo Xuereb**

Madre Margerita kienet veru edukatriċi. Fit-tmexxija tal-Kongregazzjoni tal-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, hija għallmet is-sorijiet iħobbu lil Alla u jwassluh lil oħrajn, filwaqt li kienet tinkoraġġixxi l-istudju.

Meta kienet żagħżugħa hija kienet disposta biex tiġi ffurmata. Infatti tgħallmet it-Taljan u l-Franċiż. Barra minn hekk hija xorbot mill-ispiritwalità ta' Dun Ġużepp Diacono li għamel minnha soru kuraġġjuża mogħtija għas-saltna ta' Alla.

Skond il-fehma tagħha l-ewwel trid tiġi edukata l-qalb u l-kuxjenza permezz ta' l-imħabba. Infatti hija tikteb kif għandhom jiġu edukati t-tfal "Kebbsu lil dawn il-qlub ċkejknin bin-nar Ewkaristiku ħalli lkoll ikunu qaddisin u safja. Ħalli mal-mixja tas-snin dawn jikbru fl-imħabba u hekk ikunu jistgħu jagħrfu jwasslu dan in-nar kull fejn jinsabu". Għalhekk Madre Margerita kienet tisħaq li l-ewwel edukazzjoni għandha tkun immirata lejn ħajja nisranija awtentika. F'ittra tal-1937 hija kitbet! "Int binti, għandek tqis lit-tfal bħala teżori tant prezzjużi għax swew id-demm ta' l-Iben ta' Alla 'l Għoli. Minnek tiddependi l-fidwa tagħhom u għad jitolbok kont tagħhom l-Imħallef Divin. Nissel f'dawn iż-żgħażagħ sentimenti ta' mħabba lejn il-maħbub Ġesù u għallimhom kif jesprimu l-imħabba tagħhom lejh".

Wara l-formazzjoni reliġjuża hija dejjem inkuraġġiet l-formazzjoni kulturali, professjonali u teknika. Hija kienet tal-fehma li l-istudju għandu post importanti fil-ħajja tal-bniedem. F'ittra hija tikteb: "Kun ġeneruża fit-twettiq fidil tad-doveri tiegħek, assidwa fil-ġabra, tinkeddx għall-istudju, għax meta dan tagħmlu biex tobdi u għall-glorja ta' Alla, mhux biss ma jagħmillekx ħsara iżda jgħinek tagħraf aħjar lil Alla".

Bħala edukatriċi hija kienet dejjem qrib ta' wliedha. Lil dawk qrib tagħhom kienet tikkomunika magħhom bil-kelma mħeġġa tagħha u dawk tal-bogħod permezz ta' l-ittri. Hija dejjem użat mod matern, avolja xi drabi kien ikun qawwi u deċisiv.

Hija setgħet tagħmel dan għax il-formazzjoni tagħha personali ħaditha bis-serjetà. Qawl Latin jgħidilna: "Ħadd ma jista' jagħti minn dak li ma għandux". B'dan il-mod hija kienet ta' eżempju ħaj u mudell għal dawk kollha li kienet tmexxi.

Il-pedagoġija tagħha kellha riżultati tajbin. Fi żmienha l-vokazzjonijiet reliġjużi żdiedu filwaqt li l-kongregazzjoni xterdet ma' bosta postijiet fil-gżejjer Maltin, fl-Ewropa u anke fl-Etjopja.

Rose's
Bar & Restaurant
15, Ramla Road, Nadur, Gozo, Malta.
Tel: 564890 Mob: 0942 5830

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.: Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Eħilsu mill-qilla tax-xemx u sebbħu djarkom bil-Vertical & Venetian Blinds & Roller Shades ta'*

**Tony Camilleri**

VARJETÀ KBIRA TA' BLINDS U SHADES TAD-DRAPP, ALUMINIUM U PLASTIC, KIF UKOLL FLY SCREENS.



**KOLLOX BI PREZZIJIET RAĠJONEVOLI**

*Għal aktar dettalji rrikorru għand:*

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

David Cocco Palmieri Street, Nadur, Gozo
Tel. 21553352/21562211 - Mob. 999 5001 - Fax 21562211

TAL-ĦWAWAR

*Issa tista' tħawwar il-borma bħal dari*

*Issib Ħwawar, Ħxejjex Aromatiċi, Frott Imqadded għall-Ħelu u Prodotti oħrajn għall-ikel.*

14-15 KERĊEM ROAD, VICTORIA VCT 104, GOZO.
TEL: 2156 2160

# int u saħħtek



Dr. Mario Saliba M.D.

## Kuxjenza Ambjentali

L-attitudni tagħna l-Maltin lejn l-ambjent hija waħda ta' tħassib jew ta' x'jimportani? Huwa fatt li l-problemi ambjentali huma serji. Kemm qed isir biex dawn il-problemi nnaqsuhom? Kemm aħna lesti biex nagħtu sehemna biex ikollna ambjent aħjar? Min hu responsabbli mill-ambjent? Saħħitna tiddependi mill-istat ta' l-ambjent.

Dawn huma mistoqsijiet diretti li kulħadd għandu jagħti każhom. Inutli li nippontaw subgħajna lejn ħaddieħor jew lejn il-gvern. Fl-opinjoni tiegħi din hija *issue* li kulħadd irid ikun konxju tagħha: mill-kbir saż-żgħir, mill-ħaddiem sal-industrijalist, mill-mara tad-dar sal-lukandier.

L-iktar ħaġa li tkerraħ u li tidher anti-soċjali hija dawk il-munzelli ta' terrapien 'l hawn u 'l hemm u kull xorta ta' skart mormi llegalment madwar il-kampanja. S'issa din il-ħaġa tant kienet komuni li dak li jkun ftit kien hawn xi jtellfu milli jarmi l-imbarazz fejn irid. Kemm tħarrku nies għax tefgħu l-iskart barra? Ovvjament l-ikbar uġiegħ ta' ras huma l-muntanji taż-żibel tal-Magħtab f'Malta u tax-Xagħra f'Għawdex. Dan ma jfissirx li m' għandniex affarijiet oħra li qegħdin iħammġu l-ambjent. Wieħed jista' jsemmi d-drenaġġ li joħroġ fil-baħar u li s'issa mhux qed ikun ittrattat qabel jintrema fil-baħar. Skond il-Konvenzjoni ta' Barcellona dan irid jieqaf sas-sena 2003. Wieħed irid isemmi ċ-ċmiemen ta' kull tip u daqs inkluż dawk tad-djar, fabbriki, sptarijiet u il-*power station* tal-Marsa. Għad irid jasal iż-żmien li kull min għandu ċumnija irid jagħmlilha il-*filter*. Imbagħad xi ngħidu għad-dħaħen tal-karozzi speċjalment tal-magni *diesel*, trakkijiet u xarabanks...!

Il-Kunsilli Lokali għenu biex il-problema tittaffa u permezz ta' *skips* u *bins* naqqsu mill-iskart li ssib barra. Għarukaża għadek issib min jarmi l-iskart fil-widien u fil-ġnub tat-toroq. Il-gwardjani lokali għandhom jingħatalhom l-inkarigu biex iħarsu l-ambjent mill-injuranza ta' dawn in-nies. Il-multi għandhom ikunu ferm iktar minn dawk ta' kontravenzjoni tat-traffiku u barra minn hekk min iħammeġ għandu jħallas biex il-post jerġa jitnaddaf.

Il-mod kif qegħdin neħilsu mill-iskart tagħna huwa primittiv. Kollox jintrema banda waħda. Mhux qiegħda ssir għażla tal-iskart mid-djar tagħna, minkejja li ilna ngħidu s-snin li trid tibda ssir. Hija ta' ħsara kbira lill-ambjent meta ċerti materjali tossiċi, bħal żejt industrijali u minn lukandi, żebgħa u battariji użati jintremew fil-ħamrija. Dawn jinfiltraw l-isfel, jniġġsu l-ilma ta' taħt l-art, u jipproduċu *dioxins* u sustanzi oħra li huma velenużi u jagħmlu ħsara lis-saħħa. Irridu nisħqu iktar dwar il-ħsara rreparabbli li dawn jagħmlu u hawn il-mezzi ta' komunikazzjoni jistgħu jgħinu ħafna biex tingħata informazzjoni fuq dawn l-affarijiet. Xi kultant trid tkun xi organizzazzjoni ambjentali barranija li tiftħilna għajnejna. B'dan ma rridx innaqqas x-xogħol siewi li diversi għaqdiet ambjentali Maltin jagħmlu, permezz ta' pressjoni fuq l-awtoritajiet biex iħarsu l-ambjent. Sa fejn naf jien f'Malta m' hawnx postijiet magħżula apposta biex fihom jintremew dawn il-veleni. Xi ftit ta' snin ilu kienet saret kampanja biex il-batteriji użati jinġabru, iżda wara ftit ħadd ma baqa' jagħti każ.

Iżda biex iżżomm l-ambjent nadif u f'saħħtu trid il-flus. Kemm hu lest iċ-ċittadin li jħallas taxxi żejda



biex jitwettaq dan? Min iħammeġ irid iħallas, igħid il-prinċipju. Iżda din tgħodd mhux għall-industrijalist biss iżda għal kull wieħed u waħda minna. Lesti li nikkoperaw biex l-iskart domestiku jintagħżel? Lesti li nħallsu għal kull borża ta' skart li noħorġu fuq il-bankina? Lesti li kemm jista' jkun nixtru l-prodotti li nikkunsmaw f'kaxxi tal-kartun u mhux tal-*plastic*?

Anke t-teknoloġija tal-ipparkjar trid tħares lill-ambjent. Wieħed jistenna li ċerti prodotti jkunu ftit għola biex tagħmel tajjeb għal spejjes żejda li l-manifattur jidħol għalihom biex jiġbor u jirreċikla l-konteniture ta' prodotti użati. Kull fabbrika li tħaddem numru sostanzjali ta' impjegati għandu jkollha persuna li tkun inkarigata mill-immaniġġjar ta' l-iskart.

F'kelma waħda l-ħarsien tal-ambjent iqum il-flus u dawn il-flus irid iħallas għalihom iċ-ċittadin permezz tat-taxxi. Jista' jkun ukoll li biex l-industrija tipproteġi l-ambjent ser ikollha xi nuqqas mill-qligħ.

Kemm l-industrija tagħna tiflaħ għal dan? Dan jista' jfisser tnaqqis fin-numru ta' impjegati. Jista' jfisser ukoll iktar spejjeż minħabba s-saħħa u s-sigurta` tal-ħaddiema fuq il-post tax-xogħol. Dan ser joħloq piż fuq il-poplu, għax meta wieħed isemmi taxxi ġodda ħadd ma jieħu gost bihom. Iżda dawn huma fatti li ġa għaddew minnhom pajjiżi oħra; u min igħid li ser jieħu ħsieb l-ambjent mingħajr ma jdaħħal taxxi ġodda, jkun qed iqarraq. Dawn is-sistemi li semmejna kollha jiswew il-flus, u biex tħares l-ambjent kif suppost trid tonfoq ħafna flus. Barra minn hekk, ċerti miżuri favur l-ambjent inaqqsu xi ftit mil-liberta` li tant drajna biha. Kemm hawn min hu lest li jissagrifika ftit tal-kumdita` favur l-ambjent? L-użu tar-rota hawn Malta huwa minimu, u għal kull ħaġa ta' xejn rridu nużaw il-karozza. Barra minn Malta, membri parlamentari ewropej sikwit jirkbu r-rota ma' Prodi biex jagħtu eżempju! Anke l-użu tal-karozzi tal-linja mhux tant imfittex. Forsi hawn għandna raġun, għax dan ma tantx huwa servizz komdu u effiċjenti.

Biex l-ambjent jitħares permezz ta' liġijiet, dawn għandhom ikun ta' deterrent biżżejjed. Min-naħa l-oħra għandu jkun hemm ċerti inċentivi biex iħajru liċ-ċittadin juża prodotti riċiklati u mezzi favur l-ambjent, bħal *solar heating, petrol* mingħajr ċomb, *filters* fiċ-ċmiemen u jirriċikla ċerti prodotti, jibża' għall-ilma u l-elettriku, ma jixtrix *sprays*, trab tal-ħasil u deterġenti, insettiċidi, fertilizzanti u kimiċi li jagħmlu ħsara lill-ambjent billi jraqqu l-*ozone layer*.

Dawn kollha huma miżuri li għal ħafna minna huma diffiċli li naċċettawhom. Naħseb li l-ikbar bidla għandha tkun fil-mentalita` tagħna u nibdew naħsbu iktar fl-ambjent, mhux fil-parti li tolqot lilna biss iżda bħala mod u stil ta' ħajja. Qabel ma nrabbu fina kuxjenza favur l-ambjent, fl-istess ilma se nibqgħu!

Il-prinċipju għandu jkun dejjem '*think globally and act locally*'. Kull wieħed u waħda minna huwa responsabbli għall-ambjent ta' madwaru. Ma nistgħux nippretendu li din hija responsabbilta` tal-Kunsill Lokali jew tal-Gvern Ċentrali biss. Jekk inħarsu l-ambjent inkunu qegħdin inħarsu saħħitna.






jikteb Joe Bajada

# Nadur Youngsters Champions għas-sitt darba

Nadur Youngsters huma ċ-*champions* il-ġodda Għawdxin wara li spiċċaw fl-ewwel post tal-klassifika b' 26 punt, erba' punti vantaġġ fuq l-*ex-champions* Xewkija Tigers. Dan is-suċċess kien is-sitt wieħed fl-istorja tagħhom u wasal wara determinazzjoni qawwija li wrew matul dan il-kampjonat fejn minkejja li kienu ħadu żewġ żelqiet fl-ewwel *round* u kellhom żvantaġġ ta' erba' punti, huma rkupraw tajjeb ħafna biex fit-tieni fażi baqgħu għaddejjin b'suċċess wara l-ieħor li wassalhom għat-titlu. Għalhekk dak li raw jaħarbilhom fi tmiem l-istaġun l-ieħor meta tilfu d-*decider* kontra Xewkija, wasal sena biss wara. B'hekk wara nuqqas ta' żewġ staġuni, t-tazza taċ-*championship* irritornat lejn il-vetrini tagħhom. It-tim immexxi mill-*coach* John Cassar wera karattru u fl-aħħar logħba tagħhom, dik deċisiva kontra Għajnsielem, kienu determinati li jiċċelebraw bil-kbir. Nadur spiċċaw il-Kampjonat bl-aħjar difiża fejn soffrew 15 il-goal fi tnax il-logħba, filwaqt li l-attakkant tagħhom Pavel Mraz intagħżel bħala l-aħjar *player* barrani tas-sena tal-GFA.

Fit-tieni post spiċċaw Xewkija Tigers bi 22 punt fejn kellhom l-aħjar attakk tal-kampjonat meta sabu x-xibka avversarja f'29 okkażjoni. Huma batew xi ftit fil-bidu, iżda ingranaw sewwa matul il-kors tal-kampjonat u kważi baqgħu sal-aħħar jittamaw f'difiża adekwata għat-titlu. B'żewġ punti warajhom spiċċaw għal darb'oħra fit-tielet post Għajnsielem. *Champions* tax-Xitwa b'erba' punti vantaġġ li iżda dan it-tajjeb kollu tal-ewwel fażi tilfuh fit-tieni round, għax ma żammewx ir-ritmu, fejn soffrew erba' telfiet li waqqgħuhom lura u dak li ilhom jistennew se jkollhom jkomplu jistennewh. Il-*player* taghhom Joseph Buttigieg ġie magħżul bħal l'iktar *player* promettenti tal- ewwel diviżjoni.



Fir-raba' post għal darb'oħra spiċċaw Żebbuġ Rovers, tim mimli talent żagħżugħ, iżda li ma żammx il-konsistenza. Mhux dejjem urew dik il-grinta u l-kordinazzjoni li jafu juru. Forsi dan għall-fatt li damu ma sabu ż-żewġ barranin adatti. Ta' sodisfazzjon għalihom kien li għall-ewwel darba fl-istorja, *player* tagħhom ġie magħżul bħala l-*player* tas-sena tal-

futball Għawdxi u dan meta Mario Azzopardi ġie mogħti dan l-unur. Unur meritat għal konsistenza u l-qabża fil-kwalita` ta' dan iż-żagħżugħ ta' 20 sena fejn ġie wkoll magħżul bħala l-aħjar *player* tas-sena tal-programm żona sport li jixxandar kull nhar ta' tnejn fuq Radio Calypso. Min naħa tagħhom Victoria Hotspurs salvaw posthom fl-ewwel diviżjoni bil-ħniena fejn kellu jkun goal fl-aħħar minuti tal-aħħar logħba kontra l-ġirien tagħhom ta' Oratory Youths li aċċertawhom minn dan. L-attakkant tagħhom Victor Egere spiċċa bħala l-Aqwa Skorer tal-Kampjonat b'14 -il goal.

Sannat Lions u Oratory Youths sfaw relegati għat-tieni diviżjoni fejn sa mill-bidu wrew li ser ikollhom staġun diffiċli. Madankollu bil-materjal li kienu jippossiedu dawn iż-żewġ timijiet wieħed stenna li setgħu jmorru aħjar minn kif fil fatt għamlu.

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Nadur Youngsters | 12 | 8 | 2 | 2 | 27 | 15 | 26 |
| Xewkija Tigers | 12 | 6 | 4 | 2 | 29 | 22 | 22 |
| Għajnsielem | 12 | 6 | 2 | 4 | 24 | 17 | 20 |
| Żebbug Rovers | 12 | 5 | 0 | 7 | 27 | 27 | 15 |
| Victoria Hotspurs | 12 | 4 | 2 | 6 | 25 | 34 | 14 |
| Sannat Lions | 12 | 3 | 2 | 7 | 26 | 32 | 11 |
| Oratory Youths | 12 | 3 | 2 | 7 | 22 | 33 | 11 |

Nadur Youngsters Champions
Sannat Lions u Oratory Youths relegati



## Għajnsielem iżommu għandhom is-*Super Cup*

Għajnsielem żammew għandhom il-BOV *Super Cup* wara li fil-finali repetizzjoni tal-istaġun ta' qabel għelbu 2-0 lil Żebbug Rovers b'żewġ *goals* wara l-intervall mill-*players* barranin tagħhom Alloysius Ihbuelu u Julius Ngangue. Din it-Tazza li tintlagħab bejn l-ewwel erba' timijiet klassifikati fl-ewwel diviżjoni, rat lil Għajnsielem jeliminaw liċ-*champions* Nadur Youngsters bl-iskor ta' 3-1, filwaqt li minn naħa tagħhom Żebbug Rovers kisbu rebħa kbira ta' 6-2 kontra Xewkija Tigers.

## Xagħra United champions tat-tieni diviżjoni

Xagħra United ġustament spiċċaw *champions* u promossi lejn l-għola diviżjoni fejn urew li kienu l-aħjar tim f'din il-kategorija. Huma spiċċaw fl-ewwel post b'25 punt. Immexxija mill-*coach* Horace



Mercieca, huma bil-bosta żgħażagħ fit-tim urew logħob kollettiv u kordinat tajjeb ħafna fejn spiċċaw bl-aħjar attakk u difiża tal-kampjonat. Il-*midfielder* tagħhom Joseph Sultana ntagħżel bħala l-aħjar *player*



ta' din id-Diviżjoni , filwaqt li sieħbu John Camilleri spiċċa bħala l-aqwa skorer bi 11-il *goal.*

Qala St Joseph spiċċaw fit-tieni post b'punt inqas miċ-*champions* Xagħra. Pjazzament li wkoll ippremjahom bil-promozzjoni għall-ewwel diviżjoni. Qatt ma dehru li setgħu jitilfu dan il-post, filwaqt li mill-banda l-oħra tilfu ż-żewġ konfronti kontra Xagħra.

Fiż-żewġ postijiet ta' wara spiċċaw rispettivament St Lawrence Spurs u Kerċem Ajax, iż-żewġ timijiet relegati mill-istaġun ta' qabel. Huma dehru li ftit setgħu jgħatu sfida għal ta' fuq fejn alternaw il-prestazzjonijiet tagħhom. Iż-żagħżugħ Charles Mercieca ta' St Lawrence ntagħzel bħala l-iktar player promettenti ta' din id-diviżjoni. Minn naħa tagħhom SK Victoria Wanderers spiċċaw fil-post ta' qabel tal-aħħar. Forsi wieħed stenna iktar minn dan it-tim li fil-pjanijiet tagħhom dehru determinati li jisfidaw iktar wara li fil-bidu tal-istaġun kienu rebħu n-*knock out* ta' din it-tieni divizjoni. Fl-aħħar post imbagħad spiċċaw Għarb Rangers li ma akkwistaw l-ebda punt għax tilfu l-għaxar logħbiet tagħhom.

**Kif Spiċċaw**

| | L | R | D | T | F | K | PTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Xagħra United | 10 | 8 | 1 | 1 | 30 | 8 | 25 |
| Qala St Joseph | 10 | 8 | 0 | 2 | 25 | 18 | 24 |
| St Lawrence S | 10 | 4 | 2 | 4 | 13 | 18 | 14 |
| Kerċem Ajax | 10 | 4 | 1 | 5 | 23 | 24 | 13 |
| SK Victoria W | 10 | 3 | 2 | 5 | 21 | 17 | 11 |
| Għarb Rangers | 10 | 0 | 0 | 10 | 8 | 35 | 0 |

Xagħra United *champions*
Qala St Joseph *runners-up* u promossi



# kurżitajiet minn madwar id-Dinja

*miġbura minn Pierre Mejlak*

### ♦ 5,000 tewmi miġbura fi pjazza!

Eluf ta' tewmin identiċi ltaqgħu f'Bangkok biex jippruvaw jiksru rekord dinji għall-akbar laqgħa ta' tewmin fid-dinja. L-attività ġiet organizzata mit-*Thailand Twins Club*. Madankollu għalkemm kien hemm 2,443 par ta' tewmin miġbura fi pjazza kbira, il-*Guinness Book of Records* iddeċieda li dan ma kienx biżżejjed għal rekord dinji! Fit-Tajlandja hemm mal-4,500 par ta' tewmin. Kollha kemm huma ġew mistiedna jattendu għal din l-attività. L-istess biċċa xogħol mistennija tirrepeti ruħha sena oħra. L-organizzaturi jittamaw li dak inhar ikun hemm it-tewmin kollha.

### ♦ Prinċipessa maħruqa bix-xemx!

Il-Prinċipessa tan-Norveġja kellha tħassar mawra fil-Ġermanja għax inħarqet bix-xemx waqt intervista li xxandret fuq stazzjon tat-televiżjoni. Il-Prinċipessa Mette-Marit, spiċċat b'wiċċha aħmar nar u b'dahra jikwi! Għandha il-ġilda fina wisq!

### ♦ Xadina bla dar!

Uffiċċjali tad-Dipartiment tad-Djar f'California qed jagħmlu ħilithom sabiex isibu lil xi ħadd li lest jadotta xadina! Moe mhix xadina komuni għall-aħħar. Apparti l-ħafna films li ħadet sehem fihom, għamlet ukoll fortuna lis-sidien tagħha bil-ħafna reklami li ġagħluha taħdem. Moe, li llum għandha 36 sena, kienet ġiet abbandunata mill-ġenituri tagħha mat-twelid.





IL-ĠENN GĦALL-FUTBOL…BLA LIMITI!
Wasalna fi tmiem il-ġennata mondjali ta' logħob għat-Tazza tad-Dinja 2002. Imma din il-manija għall-futbol m'għandhiex limiti ta' żmien u spazju. Fil-Brażil jilgħabu l-futbol dejjem, anke fuq l-*oil rigs*, 40 metru għoli fuq l-oċejan u 140 kilometru'l bogħod mill-art! Ul-brażiljani lesti jilgħabu wkoll b'siġra mhawla f'nofs il-*ground*, li tista' sservi ta' tinda għar-*referee* fil-qilla tax-xemx fil-Brażil. Basta nilgħabu dejjem!

# MARTIN'S *California* Restaurant




TRIQ Ġ. BORG OLIVIER, VICTORIA
Tel. 2155 6234

**Ir-Restaurant popolari, b'ikel tipikament Għawdxi, u bi prezzijiet tassew moderati.**

**Miftuħ kuljum anke għall-ikla ta' nofsinhar .**

**Jaċċetta wkoll ordnijiet għall-parties ta' okkażjonijiet speċjali**

**BIRTHDAYS - MAGĦMUDIJA - PREĊETT - GRIŻMA ENGAGEMENTS U TIĠIJIET ŻGĦAR**

**b'seating għal madwar 70 persuna.**

Għal *reservations* jew aktar tagħrif
ċempel 2155 6234 jew 2155 8974





LUMEN CHRISTI
366 BIBLE STORIES
IL-BIBBJA GHAT-TFAL FI 365 STORJA
OLIVER FRIGGIERI
L-ISTORJA TA' ĠESÙ
miktuba għat-tfal
IL-BIBBJA GHAT-TFAL
366 Fairy Tales
THE BIBLE for Children
Classic Enid Blyton Stories
Ktieb tajjeb huwa l-aqwa ħabib...
365 TALBA GHAT-TFAL
Fil-"Lumen Christi" issib kemm trid!
My Big Fun Book of NUMBERS
BAZAAR PERMANENTI
BI SKONT TA' 10%
FUQ KOTBA MILL-ISBAĦ
għat-tfal
KNOW THE WORLD OF ANIMALS
Birds, Reptiles and Insects
FIRST FUN ENCYCLOPEDIA
alphabetical order
more than 500 illustrations and photographs
activities and puzzles
Children's WORLD ATLAS
WORLD HISTORY ENCYCLOPEDIA
MILLENNIUM EDITION
THE ILLUSTRATED FLAG HANDBOOK
A guide to over 200 flags from around the world
MARIA COSTANTINO
MY BOOK OF EUROPE
THE EUROPEAN COMMUNITY and how it works
My Book of SCIENCE EXPERIMENTS